Ġunju 2009 • Vol 16 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija fil-157 Anniversarju mit-twaqqif tal-Polizia di Stato
- Ħatra ta' Assistenti Kummissarji u Supretendenti
- L-Għassa ta' Ħal Qormi u l-wirt patrimonjali ta' Malta

*u aktar...*

**Newspaper Post**

# Professional Car Cleaning Products



ARMORALL

AUTO X5

STP



Oil treatment & fuel additives
Official sponsors of Blood Hound
(World speed record Holder)



CAR WASH X5

PORTOMASO

- Car wash in & out
- Engine wash
- Polish & Wax
- Interior & Engine Steam
- Valeting

Portomaso Carpark
Level - 3 St Julians
Tel: 2137 8822



## L-INGLIZ

Cafeteria & Wine Lounge

19, St. John's Street Valletta

Tel: 21221482

Freshly made sandwiches & salads

## A. ABELA AUTO X5

PO BOX 50 PAOLA E-mail: info@autoxsmalta.com

Tel: 21 821044 Fax: 21 821045 Mob: 99472443

Ġunju 2009 • Vol 16 • Nru.2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN




Cover:
Ritratt meħud mis-Surġent 524 Paul Cassar fi Piazza del Popolo, Ruma waqt il-157 Anniversarju tal-Polizia di Stato

# Werrej

**Ġunju 2009** • VOLUM 16 • NRU. 2

Feature




Feature




Feature




Sports




5 Editorjal
7 L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta
11 Il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija fil-157 Anniversarju mit-twaqqif tal-Polizia di Stato
15 Drinn Drinn 20
16 Kummissarju jagħti awguri lil President
16 Quddiesa lil Mark Farrugia
17 Żjarat ta' kortesija mill-Eċċelenza Tiegħu l-President Emeritus Dott. Edward Fenech Adami
22 Ħatra ta' Assistenti Kummissarji u Supretendenti
25 Mhux leadership training biss imma teambuilding ukoll!
26 L-Għassa ta' Ħal-Qormi u l-wirt patrimonjali ta' Malta
30 Il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira
32 Inċident fatali jieħu l-ħajja ta' kollega tagħna stazzjonat fit-8 Distrett.
35 Il-Presidenti u l-Aġenti Presidenti ta' Malta
37 Pulizija Ingliżi jagħtu l-aħħar tislima lil PC Dennis waqt li kienu fuq żjara Malta fil-ħin li tħabret il-mewt.
38 Kappelli u leġġendi
42 PS 14 Clayton Fiteni Qaddif tal-Prima fil-Pulizija
45 Donazzjoni ta' flus
47 Paġna Sportiva
50 Apprezzamenti
57 International Police Association
60 Għaqda Pulizija Pensjonanti
62 Il-Membri tal-Korp li Mietu




see it



own it



love it

# Flexicredit

We all have our wishes and needs, during different stages in our lives. HSBC is here to help us realise our dreams, whatever they may be.

With our Flexicredit loan, you can borrow between €600 and €60,000 and repay over a maximum term of 5 years, and in most cases, you'll have your loan within an hour. So whether you're buying a car, going on a holiday or buying new furniture for your home, **speak to us first.**

Terms and conditions apply.

Call us 2380 2380
Click on hsbc.com.mt
Come in to your local branch

HSBC
The world's local bank

*Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Republic Street, Valletta VLT1116*

# Editorjal

Ħbieb

Mill-aħħar ħarġa tal-magazin tagħna seħħew diversi avvenimenti – kemm sbieħ u kemm ta' niket.

Bħal sajjetta fil-bnazi, l-Ħallieq għoġbu jsejjaħ il-kollega tagħna Dennis Sammut waqt il-qadi ta' dmirijietu. Kollega li għal bosta kien iktar meqjus bħala ħabib. Dennis kien bniedem li għaraf jieħu l-ħajja bi tbissima, bniedem li kien dejjem lest sabiex jgħin - irrilevanti ċ-ċirkostanzi li kien ser isib ruħu fihom. Ma' Dennis kelli x-xorti li naħdem, għal kemm għal żmien relattivament qasir. Żgur li l-preżenza ta' Dennis fit-8 Distrett ser tinħass, pero' qatt minsija.

Matul dawn l-aħħar xahrejn kellna żewġ żjarat interessanti fil-Kwartieri tal-Pulizija – żjara mingħand President li ħalla *sede* tiegħu, l-Eċċelenza Tiegħu Dott. Edward Fenech Adami LL.D., waqt li żjara oħra saret mill-President il-ġdid, l-Eċċelenza Tiegħu Dott. George Abela LL.D..

Iż-żjara ta' dawn iż-żewġ persuni distinti kienet milqugħa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, u kienu mdawra ma' diversi postijiet fi ħdan id-Depot. Iktar dwar dawn iż-żjarat fil-paġni ta' ġewwa.

Nixtieq nagħmel nota qasira fuq l-Editorjal tal-ħarġa ta' Marzu u niċċara ċertu affarijiet li forsi setgħu ma nftehmux. Kitbilna Uffiċjal fejn tagħna spjegazzjoni ddetaljata ta' inċident li kien seħħ quddiem l-Uffiċini tal-MEPA għax kienu bosta nies li kkummentawlu fuq l-Editorjal. Min-naħa tiegħi spjegajtlu li r-referenza kienet għal okkazjonijiet oħrajn, okkazjonijiet fejn Pulizija ma' ħallewx ġurnalisti jieħdu ritratti meta dawn kienu qed jagħmlu xogħolhom.

L-aħħar punt li nixtieq insemmi huwa li din is-sena hemm xi tibdil f'dawk li huma attivitajiet għal Jum il-Pulizija. Minħabba li ser isiru xi xogħolijiet f'Pjazza San Ġorġ, il-parata tradizzjoni mhux ser issir pero' l-attivitajiet fil-lokalitajiet ser isiru. Il-Ħamis 9 ta' Lulju, 2009 ser isir kunċert f'Dar il-Mediterran mill-Banda tal-Pulizija. Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju, 2009 quddiem id-Depot ser ikun hawn il-Gwardja ta' l-Unur sabiex tagħti s-salut lil Prim Ministru u l-Ministru tal-Intern fejn ser jattendu għal quddiesa kkonċelebrata mill-Isqof ta' Għawdex. Il-Ħadd 12 ta' Lulju, 2009 ser isir it-tberik ta' l-annimali fejn din is-sena ser isir fit-Taqsima tal-Klieb, il-Mosta. Iżda aktar dettalji dwar l-attivitajiet kollha jingħataw iktar 'il quddiem.




# Gwida Għall-Konsumatur Meta Jinvesti fi Prodotti Finanzjarji




B'tagħrif dwar il-MiFID – Direttiva Ewropea li toffri livell għoli ta' protezzjoni lill-investituri.

Publikazzjoni tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA).

Ċempel il-Linja ta' Għajnuna lill-Konsumatur tal-MFSA **80074924** jew ibgħat id-dettalji tiegħek b' e-mail fuq: **consumerinfo@mfsa.com.mt** biex tirċievi kopja tal-gwida b'xejn.

Tista' ukoll tikseb kopja tal-gwida mingħand l-entitajiet finanzjarji liċenzjati.

Verżjoni elettronika tal-gwida tinkiseb minn fuq is-sit **www.mfsa.com.mt/consumer**

# Qabbel tariffi u spejjeż ta' prodotti u servizzi finanzjarji



Żur is-sit **www.mfsa.com.mt/consumer** biex tqabbel it-tariffi u tikseb aktar informazzjoni dwar:

- *Debit cards*
- *Credit cards*
- Kontijiet ta' tifdil u kontijiet kurrenti
- Pagamenti biċ-ċekk
- Self
- Trasferiment ta' flus minn bank għall-ieħor
- Xiri u bejgħ ta' titoli ta' sigurtà.

Miġbura mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), ir-regolatur tas-servizzi finanzjarji f'Malta.

MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Triq Notabile, Attard BKR3000
Linja ta' Għajnuna lill-Konsumatur: 80074924
T: 21441155 E-mail: consumerinfo@mfsa.com.mt

# L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

Neville Mercieca - Segretarju Amministrattiv MPA

### Harġa għat-tfal

Nhar it-Tnejn 13 ta' April 2009, l-Assoċjazzjoni organizzat ħarġa għat-tfal tal-membri tal-Korp. Sfortunatament, għal darb'oħra it-temp ma kienx favorevoli, u għalhekk il-programm stabbilit minn qabel kellu jiġi mibdul għaċ-ċirkostanzi. L-attendenza kienet waħda sodisfaċenti u li tħeġġigna sabiex nerġgħu norganizzaw attivitajiet simili. Sħabna l-Għawdxin ma setgħux jattendu minħabba l-baħar qawwi u l-vapur ma bediex jaħdem b'mod regolari. It-tfal ġew meħuda l-Malta Experience, l-Aviation Museum ġewwa Ta' Qali u Popeye Village.



### Ftehim mal-Bank of Valletta

L-Assoċjazzjoni ikkonkludiet b'suċċess ftehim li sar mal-Bank of Valletta sabiex il-membri tagħna jibbenefikaw minn diversi skontijiet u rati favorevoli fuq imgħax u servizzi li joffri l-istess bank.

F'każ ta diffikulta', il-membri huma mistiedna jċemplu 21312020, jew jidħlu fis-sit tal-Bank of Valletta www.bov.com. Dawk il-membri li għal xi raġuni jew oħra ma rċivewx il-fuljett dwar il-benefiċċji għall-membri, huma mitluba jikkuntattjaw lill-MPA.



C.E.S.P. (Conseil Europeen des Syndicats de Police)

Bejn il-15 u 16 ta' Mejju 2008, is-Segretarju Amministrattiv u t-Teżorier attendew Konferenza tac-C.E.S.P. li tagħha l-MPA hija membru. It-tema tal-konferenza kienet il-kriżi finanzjarja, u kif din qed taffettwa l-Pulizija. Matul il-Konferenza, l-Assoċjazzjoni tagħna applikat sabiex il-laqgħa li jmiss, li normalment issir f'Ottubru, tiġi organizzata mill-MPA. Il-membri tac-CESP, li jammontaw għal 16–il pajjiż ivvutaw b'mod unanimu favur tagħna u għalhekk, il-laqgħa ser tiġi ġewwa pajjiżna, fejn sejrin jattendu numru ta' delegati minn kull pajjiż membru - www.cespolice.org

### Kjarifika mill-MPA

Ġewwa l-uffiċju tagħna, qegħdin jidħlu diversi telefonati jistaqsu rigward il-ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol u anki xi kawżi li nfetħu mill-MPA kontra l-Korp. Nixtieq ninforma lill-membri li l-ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol qegħda tiġi diskussa fl-Arbitraġġ, iżda ma hemm xejn konkluż, u sa issa ma nfetħu l-ebda kawżi mill-MPA, la kontra l-Korp u lanqas kontra xi dipartimenti oħrajn. Aħna nħeġġu lill-membri sabiex jastjenu milli jmexxu xi qlajjiet jew informazzjoni li mhix korretta. Nassigura lil kulħadd li jekk ikun hemm xi tibdil l-Assoċjazzjoni tagħmel mezz sabiex tinforma lill-membri kollha b'mod uffiċjali. Il-ħidma tal-Assoċjazzjoni hija kontinwa u t-triq hija twila, iżda mingħajr ma naqtgħu qalbna, għad jasal iż-żmien li nilħqu l-miri tagħna. Dan irid isir bi professjonalita' u diskrezzjoni, kif ukoll b'rispett sħiħ lejn il-partijiet kollha involuti fid-diskussjonijiet. *Il-membri huma kollha nfurmati li l-uffiċju tal-Assoċjazzjoni jkun miftuħ kuljum u jinstab ġewwa l-Marsa. Intom mistiedna tirrikorru **BISS** ġewwa dan l-uffiċju u fl-ebda uffiċju ieħor tal-Korp tal-Pulizija. La darba għandna uffiċju iddedikat apposta għal dan il-għan, irridu nużaw lilu.* Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom struzzjonijiet li jgħaddu kull ilment jew talba ġewwa l-uffiċju tal-Assoċjazzjoni, fejn hemm stazzjonat is-Segretarju Amministrattiv Neville Mercieca (PC478).

Nerġa' nfakkar fis-sit elettroniku tagħna **www.mpa.org.mt**, li qed jiġi updated b'kull aħbar rilevanti għalikom u l-indirizz elettroniku **mpa@onvol.net**.

### Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija 21 ta' Mejju 2009

Matul din il-laqgħa ġew diskussi żewġ punti mportanti, (a) il-25 sena servizz (pensjoni) u (2) dwar kumpens għal dawk li jaħdmu jew ħadmu aktar minn 46 siegħa fil-ġimgħa. Rigward returns ta' overtime, l-Assoċjazzjoni tenniet li qed tirċievi biss returns li marru bihom għand il-Maġġur tad-Detail u dawn ir-returns ma ġewx milqugħa fejn għandu x'jaqsam ħidma ta' aktar minn 46 siegħa fil-ġimgħa

skond il-ftehim settorjali (1993) sabiex il-membri tagħna jiġu kkumpensati jew b'time of in lieu jew jitħalsu overtime. L-istess kwistjoni ġiet imqanqla fil-PNB u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, informana li l-ftehim ta' 1993 huwa dak li hu, u għadu in vigore. Rigward il-25 sena servizz, l-Assoċjazzjoni qalet li lesta li tieħu dan il-punt quddiem il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar għal-verifika.

### Laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv ta' nhar is-26 ta' Mejju, 2009

Saret laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv qabel il-laqgħa tal-PNB. Din il-laqgħa kienet waħda mill-aktar importanti, u li dak li sar u li ġie deċiż kien importanti f'dak li kellu jiġri fil-laqgħa ta' wara nofsinhar ta' dik il-ġurnata. Rigward il-25 sena servizz (pensjoni), il-Kumitat Eżekuttiv għandu jitlob kjarifika fuq dan fil-PNB u rigward iċ-Ċirkolari 63/1993 para 3.5.2 inkomplu ninsistu fuq dan il-punt li qajmu diversi membri li jaħdmu fi Branki diversi tal-Korp li l-ammont ta' siegħat ta' xogħol fil-ġimgħa jissupera il-46 siegħa.

### Laqgħa tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar – PNB

### 25 sena servizz

F'din il-laqgħa l-MPA saħqet li n-naħa uffiċjali tieħu stand rigward il-25 sena servizz (pensjoni). In-naħa uffiċjali qalet li dan il-punt tal-25 sena servizz qatt ma kien issue fil-PNB u qatt ma issemmiet fit-taħdidiet li it-talbiet tagħna kienu qed jipperikolaw il-25 sena servizz (pensjoni).

### Sick leave entitlement

Dan kien suġġett ieħor li ġie diskuss. Jirriżulta li lill-membri tal-Korp qed titnaqqsilhom ġurnata sick leave anke meta jkun fil-frank tiegħu. Ġie imħabbar f'dan il-bord li din is-sistema preżentement addottata tmur kontra dak li jgħid il-PSMC (Public Service Management Code). Ġurnata sick leave hija ġurnata mħallsa għal ġurnata xogħol u ma għandha qatt tinqata' l-ebda ġurnata sick leave meta wieħed ikun marid u jinżerta hemm xi ġranet tal-frank tiegħu jew tagħha matul il-marda. Il-Pulizija li daħlu wara Frar 1979 għandhom 30 ġurnata sick leave ekwivalenti għal 30 ġurnata xogħol (working days) mħallsa ta' xogħol u 30 ġurnata oħra sick leave b'nofs paga bl-istess prinċipju ta' qabel skond il-PSMC.

### Ħlas ta' Overtime il-fuq minn 46 siegħa fil-ġimgħa

Fil-PNB, in-naħa uffiċjali ħabbret li ntbagħtet korrispondenza lill-Amministrazzjoni tal-Korp, sabiex dak li ġie miftiehem fl-1993: *'4.5.2 Now that the LM 10 monthly allowance payable across the board to all members of the Police Force is being abolished, payment of overtime at 1.5 times the rate of pay will be made for any hours worked in excess of forty-six (46) hours per week, when time off in lieu cannot be given'* għandu jiġi implimentat fl-intira tiegħu, stante li għadu in vigore sal-ġurnata tal-lum. Għadna f'taħdidiet sabiex tinstab soluzzjoni raġonevoli għaż-żewġ naħat.




Maritime Trade Centre Blk A Level 0 Xatt il-Ghassara tal-Gheneb Marsa
Head Office (+356) 2205-7000 Operations (+356) 2205-7300 Fax No (+356) 2205-7299
**Email:** enquiry@vgt.com.mt **Website:** WWW.VGT.COM.MT

# **BOV** Personal Loan




Hu x'inhu l-bżonn finanzjarju tiegħek,
aħna noffrulek self ***personalizzat***.
Kellimna llum għal risposta immedjata.

Applika ISSA - **www.bov.com**

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 22546

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

MARKS & SPENCER




**OPEN ALL DAY:** PALACE SQUARE - VALLETTA THE STRAND - SLIEMA BAYSTREET - ST. JULIANS




## Motto ta' din is-sena: "C'E' PIU' SICUREZZA INSIEME"

"Kif wieħed jista' jaħseb, vettura tas-servizz mhux la kemm taqbad u teħodha miegħek ġo bagalja iżda din trid tinstaq. Saru l-preparamenti meħtieġa u l-Pulizija ta' Malta din is-sena telgħet bil-vettura Ford Focus tal-Iskwadra Mobbli."

# Il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija fil-157 Anniversarju mit-twaqqif tal-Polizia di Stato li ġiet iċċelebrata nhar it-8 ta' Mejju, 2009, f'Ruma

**Surġent 524 Paul Cassar - Skwadra Mobbli**

Din is-sena, bħal snin oħra, il-Korp tal-Pulizija Taljan magħruf aħjar bħala il-*Polizia di Stato*, iċċelebra l-anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Kif isir dejjem ġew mistiedna rappreżentanti ta' Korpi ta' Pulizija minn madwar l-Ewropa. Dawn kienu jinkludu l-Portugal, il-Montenegro, il-Bulgarija, l-Albanija, il-Kroazja, il-Greċja, Spanja, l-Awstrija, is-Slovakja, u l-Maċedonja. Ma' dawn kien hemm ukoll ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju, Franża, l-Olanda u ma jistax jonqos Malta. B'kollox kien hemm ħmistax-il pajjiż.

Din is-sena, li kienet taħbat il-157 sena mit-twaqqif ta' dan il-Korp, jirrapreżentaw il-Korp ta' Malta kien hemm PS 524 Paul Cassar, PS 128 Joseph Farrugia, u PC 24 Martin Pace. Naturalment, flimkien mal-Pulizija kien hemm rappreżentazzjoni tal-vetturi uffiċjali minn kull pajjiż.

Kif wieħed jista' jaħseb, vettura tas-servizz mhux la kemm taqbad u teħodha miegħek ġo bagalja iżda din trid tinstaq. Saru l-preparamenti meħtieġa u l-Pulizija Maltija din is-sena telgħet bil-vettura Ford Focus tal-Iskwadra Mobbli.

Il-vjaġġ minn Malta beda fil-5 ta' Mejju, u wara tliet siegħat baħar wasalna Katanja fejn sibna tistenniena skorta magħmula minn żewġt uffiċjali u vettura tal-*iSquadra Volante* li tagħmel parti mill-*Polizia di Stato*. Tajjeb li wieħed jgħid illi vettura uffiċjali ta' servizz ta' pajjiż mhux tal-lokal ma tistax tinstaq f'pajjiż ieħor mingħajr ma tkun skortata mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż. Ngħid is-sewwa ħadd minnha ma kien qatt saq fil-kontinent fejn is-sewqan isir bil-kontra tagħna. Għalkemm konna armati b'mapep u GPS, dawn ħallejnihom għal każ ta' bżonn peress li kellna l-iskorta











magħna.

Peress li jien stazzjonat il-Mobile Squad, laqtitni t-tip ta' vettura li l-kollegi tagħna jużaw – Alfa 159 magħrufa bħala *Giuguaro*, magna b'saħħa ta' 24 lts Turbo Diesel. Il-Focus li nużaw aħna għandha magna ta' 1.59 lts, fejn mill-esperjenza tiegħi kienet ser tkun ftit ta' problema biex inlaħqu mat-Taljani!

Fi triqtna minn Messina għal Reġġio (minn fejn kellna naqbdu t-tragetto) il-Pulizija li kienu qed jeskortawna għoġobhom iwaqfuna l-Kwartieri tagħhom fejn iltqajna ma' sħabhom kif ukoll mal-Kmandant tagħhom, li hija mara.

It-triq sa Ruma kienet waħda kemmxejn twila, fejn kull mitt kilometru bdiet tinbidel l-iskorta tagħna bejn *Iskwadra Volante* u dik mill-*Polizia di Strada*. Wara 840 kilometri sibna tilqana s-Sinjorina Maria Grazzia, li kienet l-Uffiċjal inkarigat mid-delegazzjoni tagħna.

Ma setax jonqos li nieħdu sehem fil-provi kollha li jwasslu għat-8 ta' Mejju. Għalkemm l-istil ta' mmarċjar huwa differenti, xorta ħarġet il-kapaċita' tal-Malti li ma jaqta' qalbu qatt u fuq xejn.

L-għira ta' kull parteċipant kienet meta wasal il-ħin li jippreparaw il-vetturi tagħhom. Kulħadd baqa' skantat kif konna armati sa sniena bil-materjal ta' tindif. U kif ġara fi snin ta' qabel, kulħadd tħajjar u talab li jissellef il-materjal sabiex isebbaħ il-vetturi tagħhom.

Kif kien ippjanat, il-vetturi ħarġu wara xulxin mill-Akkademja fejn konna stazzjonati sabiex jitpoġġew għal wiri u għad-dispożizzjoni tal-poplu Taljan u t-turisti ġewwa Piazza Del Popolo.

Fit-8 ta' Mejju, 2009, mal-wasla tal-kontinġent ġewwa Via del Corso, fl-għaxra u nofs ingħata bidu għaċ-ċerimonja bid-daqq tal-Banda. Dħalna nimmarċjaw fi Piazza del Popolo fejn waqafna f'nofs il-Pjazza.

Preżenti kien hemm il-President Taljan Napolitano u l-Ministru tal-Intern Maroni, fejn it-tnejn għamlu diskors tal-okkażżjoni. Saret spezzjoni tal-Gwardja ta' l-Unur, kif ukoll tal-kontinġent parteċipant. Kien unur għalina l-Maltin li konna parti minn din l-ispezzjoni

Wara li ngħataw midalji u xi unuri oħra l-Pjazza infetħet għal pubbliku, fejn bħala Maltin kellna konkorenza tajba, tant li s-Surġent Joseph Farrugia kif ukoll il-Kuntistabbli Martin Pace kienu ntervistati mill-Istazzjoni Rai 3 u l-Pulizija Taljana rispettivament.

Wieħed ma jistax ma jsemmiex il-firxa kbira ta' vetturi li l-*Polizia di Stato* kellhom għal wiri, vetturi li jvarjaw mill-











famuża Lamborgini, trakkijiet għal kontra l-irvellijiet u muturi BMW.

Wara tlett ijiem ta' attivitajiet kontinwi, l-avventura ġiet fi tmiemha permezz ta' ikla organizzata mill-Ministru tal-Intern. Fl-aħħar tas-serata sar diskors minn Dott. Masciopinto, fejn dan faħħar l-imġieba tal-parteċipanti barranin u qal li din l-attivita' żgur kienet tkun nieqsa minn kull effett u livell mixtieq li kieku ma kienx hemm il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Ewropej.

Punt emozzjonali fit-tluq tagħna lejn Nettuno kien id-daqq tas-sireni tal-karozzi parteċipanti, fejn għalkemm kien sar ħin mhux ħażin, ir-residenti tal-lokal jkunu qed jistennewha.

Ma nistgħux ninsew lil persuni li ħadu ħsieb id-Delegazzjonijiet barranin, Dott. Mario Bolletta, Ass. Capo Gianni Sciro, Ass. Capo Gerardo Martini, Maria Grazzia Quinterni u Maria Vasconi.

Fl-aħħar, wieħed ma jistax ma jirringrazzjax il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u lil dawk kollha li ħadmu sabiex din l-istedina sseħħ l-istedina li permezz tagħha kull wieħed minnha ħassu kburi li jifforma parti minn Korp wieħed.










# Monthly Investment Plans



a plan offering
you **flexibility** and **choice**
from **€50 monthly**

VALLETTA
FUND MANAGEMENT

BOV
Bank of Valletta
*your Success, our Goal*

www.bov.com 2131 2020

BOV 21970

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may affect the value of the investment. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited (VFM) or any Bank of Valletta Branch. BOV and VFM are licensed to provide investment services in Malta by the MFSA.

# Drinn Drinn 22

Supt Peter Paul Zammit

Hello, Prosecutions Unit...

*Good afternoon Sir. Għandi waħda mhux tas-soltu Sir. Din żgur ser ittik x'tagħmel.*

Ix-xogħol salmura tal-ġisem. Jekk ma jkunx hawn problemi la jkun hawn xogħol għalija u lanqas għalik, kull deni ħudu b'ġid jgħidlek il-Malti. Għidli ħalli minn hawn nitgħallmu lkoll.....

*Ġiet sinjorina fejn irrapportatli li l-partner tagħha telqilha bil-karozza u ħadilha anke xi affarijiet mid-dar. Issa, il-problema hija hawn. Dawn mhux miżżewġin, imma partners kif ngħidulhom illum. Ilhom jgħixu flimkien mill-2001, tfal ma għandhomx. X'taħseb serq jew pretended rights.*

B'dak li għidtli sa issa jidher li hemm ħafna iżjed wara din l-istorja. Diġa jidher li dħalna f'żewġ kampijiet legali, dak kriminali u dak ċivili. Mela aħjar tgħidli l-istorja kollha, sa fejn tafha int.

*Is-sinjorina, proprjament sinjura, u sinjura għax tat-tajjeb, għandha business u bil-għaqal u miżżewġa imma separata. Mrs X......*

Żomm. Bejnietna ma għandix inkun naf u lanqas jimpurtani min hi u x'jisimha. Mela din Ms X.

*Mela din Ms X m'għandiex tfal, u fl-2001 wara s-separazzjoni ltqagħet ma' dan Mr Y u marru jgħixu flimkien. Kif għidtlek din tat-tajjeb, xtrat karozza u għamlitha fuq isem Mr. Y. Dawn it-tnejn jaħdmu, imma fil-każ tal-finanzi s-sinjura ħafna aħjar mis-sinjur. Dalgħodu Ms X marret għax-xogħol u ma segħmet xejn minn Mr Y. Meta ġiet lura sabet il-flat battal minn ħafna affarijiet u ħasbet li serquha, imma sgass ma kienx hemm. Sabet nota ta' Mr Y li dan telaq, ħa dak li deherlu kienu ħwejġu, għabba kollox fil-karozza u telaq minn Malta, għax bil-ħaqq dan mhux Malti, imma minn pajjiż Ewropew. Il-karozza seraqha jew pretended rights jew miżappropriazzjoni?*

Sewwa indikajt fil-bidu, għandek problema mhux tas-soltu, imma jidher ser jiżdiedu dawn it-tip ta' problemi. Nibdew biex niċċaraw xi punti legali. Sa issa, il-konvivenza bejn tnejn min-nies ma toħloqx ir-rabta ta' proprjeta' in kommuni, bħal ma jiġri biż-żwieġ. Fil-każijiet normali ta' żwieġ dak kollu li jidħol bejn il-miżżewġin ikun *fil-kommunjoni tal-akwisti* u bħala tali la huwa tagħha u lanqas tiegħu. Dwar is-sid rispettiv tiddeċiedi biss il-Qorti. Anke jekk jaqblu bejniethom u ssir is-separazzjoni bon arja, sakemm dak il-kuntratt tas-separazzjoni bon arja ma jkunx konfermat u finalment ordnat minn Qorti ma jkollux il-valida ta' deċiżjoni u għalhekk ma jkunx deċiż legalment u b'finalita' minn huwa s-sid proprju ta' dak l-oġġett. Għalkemm ma hemmx komunjoni tal-akwisti, f'każijiet bħal dawn ħafna drabi huwa diffiċli tiddeċiedi minn xtara x'hiex u min huwa s-sid u aktar, iva milli le, din tkun materja ta' investigazzjoni u tispetta deċiżjoni ta' xi Qorti.

*Sa hawn ftehmna. Ms X ġabitli l-irċevuti f'isimha tal-karozza. Ballec, ħalsitha b'ċekk mill-kont tal-kumpanija tagħha personali. Imma rreġistrata fuqu.*

Għandek ftit logħob ċivili. Il-kumpanija fil-liġi tagħna hija persuna distinta u separata mis-sid. Sa ċertu punt nistgħu naslu biex ngħidu li l-kumpanija xtrat karozza, hija tagħhthielu biex jużaha, imma l-kumpanija ma tagħtux il-karozza bħala għotja ex grazzia. Jekk dik il-vettura għadha tidher fuq il-kotba tal-kumpanija dik il-karozza għadha propjeta' tal-kumpanija. Reġistrazzjoni ta' vettura ma tfissirx ownership, u ċioe' jkun biss (a termini tal-liġi dwar dominium - sid) kif insubuh aħna l-*user*. Mela hawn għandna każ li għandu aktar minn miżappropriazzjoni u *pretended rights* milli minn serq. Din għar-raġuni sempliċi li l-pussess tal-vettura kien a konoxxenza u kunsens tas-sid. Issa biex nagħmlu distinzjoni bejn *misappropriation* u *pretended rights* ftit aktar diffiċli. L-aktar ħaġa importanti hija jekk kienx hemm xi kundizzjoni dwar l-użu ta' din il-vettura. Jekk kien hemm, u minn dak li qed tgħidli niddubita, dak il-ftehim jorbot. Fil-liġi Maltija ftehim verbal, fin-nuqqas ta' kitba, torbot. Jekk Ms X qaltu *ħa l-karozza din tiegħek*, jekk din hija fuq il-kotba tal-kumpanija, ma kinitx libera li tagħmilha għax *non dabet quod non ħabet* li jfisser li ma tistax tagħti dak li ma għandekx. Hawn jista' jkun li ma hemmx reat, għax Mr Y seta' raġonevolment kien qed jaħseb li l-karozza hija tiegħu. Jekk, iżda, kien hemm xi kundizzjoni li jirritorna l-vettura allura hemm miżapproprjazzjoni. Li nista' ngħidlek żgur li għadna qed ninvestigaw u l-aktar reat propizju huwa dak ta' miżapproprjazzjoni.

*Mela ħa nkompli ninvestiga, imma dwar l-affarijiet l-oħra li ħa miegħu mid-dar...*

Jekk hemm xi prova li dawn huma propjeta' ta' Ms X allura hemm ċar li għandek is-serq għaliex għalkemm kienu fid-dar li kienu qed jużaw it-tnejn ma kien hemm l-ebda kunsens

għat-tneħħija ta' dawn l-oġġetti mill-isfera ta' kontroll tas-sid, kif ukoll li dik it-tneħħija saret ad insaputa (ma kinitx taf) is-sid.

*Forsi ma għidtlikx. Fin-nota li ħalla dan qalilha li mar l-Ewropa, kif ser ninvestigah?*

Illum hemm l-Uffiċju tas-Sirene. Jekk tagħmel kuntatt magħhom u tfemhom li dan telaq minn Malta u x'reati għandek jistgħu faċilment jagħmlu dak li nsejħulu alert fuq is-sistema tas-SIS u fejn tinstab il-vettura tiġi nvestigata l-aktar dwar il-kontenut li huwa f'dan l-istadju huwa allegatament misruq. Hekk fejn dan jinstab u jiġu verifikati l-fatti nistgħu nitolbu għal ħruġ ta' mandat ta' arrest ewropew (EAW) u nġibuh lura Malta biex jgħaddi proċeduri. Imma ser jinġieb Malta biex jiġi akkużat u *mhux biex jiġi nvestigat*, mela l-investigazzjonijiet iridu jkunu lesti.

*Naħseb li ftehmna. Żgur hu li tgħajtni x'nagħmel.*

Hekk ser inkunu żguri li ma tispiċċax bla xogħol.

*Tal-aħħar, din kurżita', veru li ser tħallina....*

Ma hiniex ser imut, u sa kemm hemm il-ħajja hemm it-tama jgħidlek il-Malti. Imma iva, wasal iż-żmien li jien ma nibqax membru tal-Korp tal-Pulizija, mhux ser inħallikom għax żgur niltaqgħu. Mhux ser ninbidel tant, ħlief li ma nibqax nilbes l-uniformi ta' Pulizija, minn jitwieled tond ma jmutx kwadru.

Grazzi ta' kollox u awguri.

Grazzi lilek u lill-Korp tal-Pulizija.



## Il-Kummissarju jagħti l-awgurju lill-President

Fi 13 ta' Mejju 2009 il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, bħala rappreżentant tal-Pulizija ta' Malta, iltaqa' mal-President ta' Malta biex f'isem il-Korp jawguralu l-isbaħ xewqat fil-kariga ġdida tiegħu. Il-laqgħa saret ġewwa l-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta.

# Quddiesa lil Mark Farrugia



Ritratt: Ġie meħud mit-Times of Malta

Il-Korp tal-Pulizija b'koloborazzjoni mall-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien organizzaw quddiesa fil-Knisja tal-Erwieħ ta' Ħal Tarxien fejn ġie ċċelebrat l-10 Anniversarju mill-mewt ta' Mark Farrugia li miet waqt il-qadi ta' dmirijietu fl-20 ta' Marzu, 1999.

Il-Quddiesa kienet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr Ray Bonnici li kien mgħejun mill-Kappillani ta' l-istess knisja u dak ta' Ħal Tarxien.

Għal din il-quddies attendew l-għolja Uffiċċjali tal-Korp kif ukoll membri oħra, kemm mid-Distrett ta' fejn ħadem Mark kif ukoll minn kollegi oħra li kienu jafu. Preżenti kien hemm is-Sindku ta' Ħal Tarxien, kif ukoll membri tal-familja ta' Mark u ħbieb.

Wara saret ċerimonja fuq il-qabar tal-familja fejn huwa midfun Mark, sar tqegħid ta' fjuri kif ukoll talb.

# Żjarat ta' kortesija mill-Eċċelenza Tiegħu l-President Emeritus Dott. Edward Fenech Adami u l-Eċċelenza Tiegħu l-President Dott. George Abela

Fi żmien xahar, il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija laqa' għandu żewġ Presidenti ta' Malta – l-Eċċellenza Tiegħu Dott. Fenech Adami li fi ftit jiem kien ser iħalli *sede* tiegħu ta' President – u l-Eċċelenza Tiegħu Dott. George Abela, li kien għadu kif laħaq fil-kariga ġdida tiegħu.

Iż-żjarat saru fl-1 ta' April, 2009 u fid-29 ta'Mejju, 2009 rispettivament. Iż-żewġ Presidenti kienu milqugħa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, li flimkien mal-uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp, taw merħba lil mistiedna distinti. Preżenti għal dawn iż-żjarat kien hemm ukoll il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dott. Carmelo Mifsud Bonnici.

Wara li saret minuta silenzju u ġew impoġġija l-fjuri fuq il-monument tal-Pulizija li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom li jinsab fid-daħla tad-Depot. Saret spezzjoni tal-Gwardja ta' l-Unur, li bħal dejjem, kienet impekkabbli u ta' ġieħ għall-Korp.

Fiż-żewġ żjarat, il-Kummissarju stieden lil mistednin distinti sabiex iżuru l-Mużew, fejn ingħataw spjegazzjoni dettaljata fuq l-istorja tal-Korp, fejn żaru wkoll il-Mużew tal-Kriminalita'. Żaru wkoll il-Bitħa l-ġdida, fejn il-Kummissarju spjega li x-xogħol ta' ġebel sar kollu minn membri tal-Korp li jifformaw parti mit-Taqsima ta' Snajja. Hawnhekk wieħed seta' jara l-apprezzament fuq l-uċuħ tal-mistednin u l-persuni li akkumpanjawhom.

Wara l-Kummissarju stieden lill-mistednin għal ikel fejn ġew ukoll mogħtija rigali ta' kommemorazzjoni u ġie ffirmat il-ktieb tal-viżitaturi li jmur lura sa żmien l-Ingliżi.

## Zjara tal-E.T. l-President Emeritus Dott. Edward Fenech Adami









# **SHOES** | DESIGNED TO MOVE YOU






Art. 68783 Size. 37 - 41
Art. 68784 Size. 41 - 47



Art. 68773 Size. 36 - 42
Art. 68774 Size. 40 - 47



Art. 68753 Size. 36 - 42
Art. 68754 Size. 40 - 47

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue & Security and Traffic Wardens.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

We also offer a full range of shoe care products which include, Waterproofing Protection Spray, Daily Shoe Care Cream and Shoe Shine Sponges. All are GORE-TEX® approved.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our full Summer 2009 ECCO Collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®













# Zjara tal-E.T. l-President Dott. Ġorġ Abela
























TOSHIBA
Leading Innovation >>>




## The New Toshiba LCD TV Range

**HD-Ready LCD TV:**

19" LCD 20,000 Contrast: €279
22" LCD 18,000 Contrast: €329
32" LCD 18,000 Contrast: €449
37" LCD 23,000 Contrast: €599

**FULL-HD 1080P LCD TV:**

42" Full-HD 15,000 Contrast: €749
42" Full-HD 50,000 Contrast: €849
42" Full-HD 50,000 Contrast, 100Hz: €990
42" Full-HD 100,000 Contrast, 200Hz: €1290
46" Full-HD, 50,000 Contrast, 100Hz: €1290

TipTop ELECTRONICS

Zabbar Road | Fgura | Tel: 27663726 | Mob: 79373737
The Duke | Victoria | Gozo | Tel: 27204527
www.tiptopmalta.com

# Ħatra ta' Assistenti Kummissarji u Supretendenti

Nhar it-23 ta' Frar, ġewwa l-*Officers Mess* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, saret ċerimonja qasira ta' ħatra ta' żewġ Assistenti Kummissarji u tliet Supretendenti ġodda.

Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo feraħ lil dawn l-uffiċjali f'dan il-mument speċjali fil-karriera tagħhom. Is-Sur Rizzo qal li huma qed jiġu premjati tax-xogħol li għamlu tul il-karriera tagħhom filwaqt li fakkarhom li fir-rank il-ġdid tagħhom ir-responsabilita' hija waħda akbar. Il-Kummissarju tkellem dwar l-importanza tad-dixxiplina u kif l-uffiċjali għandhom ikunu ta' eżempju għas-subalterni tagħhom.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott. Carmelo Mifsud Bonniċi. Il-Ministru qal li l-ġurnata tal-lum hija pass importanti fil-ħidma tal-Korp tal-Pulizija. Huwa feraħ lill-uffiċjali u qallhom li kien mertu tagħhom li ħadu dawn il-promozzjonijiet. Fakkar li l-kriminalita' inbidlet u li l-Pulizija trid dejjem tkun qabel il-kriminal.

L-Uffiċjali tal-Korp li ngħataw iċ-ċertifikat ta' ħatra huma: L-Assistent Kummissarju Neil Harrison, l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, is-Supretendent Marco Mallia, is-Supretendent Abraham Zammit u s-Supretendent Simon Galea.



Ħadna ftit kummenti qosra ta' l-Uffiċjali maħtura ġodda. L-Assistent Kummissarju Neil Harrison li ilu fil-Korp għal dawn l-aħħar 19-il sena qalilna li dan huwa mument ta' sodisfazzjon kbir. Qalilna li kull rank fih rwol differenti iżda fih ukoll sfida akbar. Is-Sur Harrison temm billi qal li huwa ta' pjaċir li tavvanza fil-karriera anke għaliex wieħed ikollu sehem akbar fid-deċizzjonijiet li jittieħdu fil-Korp. L-Assistent Kummissarju Harrison qed imexxi l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga.



L-Assistent Kummissarju Neville Aquilina għandu 21 sena servizz. Huwa qalilna li meta daħal bħala Kuntistabbli fl-1987 qatt ma kien jimmaġina li ħa jasal s'hawn. Huwa qal li meta persuna taħdem għal dak li tixtieq fl-aħħar tieħu l-premju. Is-Sur Aquilina ikkumenta ukoll kif promozzjoni bħal din timmaturak. L-Assistent Kummissarju Neville Aquilina huwa nkarigat minn Reġjun B.

Is-Supretendent Marco Mallia li għandu 20 sena servizz, iddeskriva din il ġurnata bħala waħda importanti u ta' sinifikat. Huwa kkumenta li huwa kuntent bil-passat tiegħu fil-Korp tal-Pulizija u qed iħares lejn il-futur b'kuraġġ u konvinzjoni. Is-Supretendent Marco Mallia li ddedika din il-ġurnata lil missieru, ġie stazzjonat fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija.

Is-Supretendent Abraham Zammit li għandu 33 sena servizz, iddeskriva dan il-jum bħala bidu ġdid u avvanz fil-karriera tiegħu tal-Pulizija. Meta daħal bħala Kuntistabbli s-Sur Zammit qal li qatt ma ħaseb li kien ħa jasal s'hawn. Is-Supretendent Abraham Zammit huwa nkarigat mil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Is-Supretendent Simon Galea għandu 21 sena servizz. F'kummenti li tana eżatt wara din il-ħatra ġdida qalilna li dan kien wieħed mill-aktar mumenti feliċi ta' ħajtu. Qalilna li jħoss li ġie ppremjat għal dak li ħadem għalih fil-karriera tiegħu. Is-Sur Galea temm billi qal li dan ir-rank ġdid se jservi ta' inċentiv biex jaħdem aktar fil-Korp. Huwa ddedika din il-ħatra lill-familja tiegħu. Is-Supretendent Simon Galea ġie stazzjonat fl-10 Distrett – Għawdex.

Il-Bord Editorjali jifraħ lill-Uffiċjali msemmija għall-kariga l-ġdida tagħhom u jawguralhom aktar snin ta' servizz fil-Korp tal-Pulizija.

# Designing Lifestyles

## fine quality

wallunits





bedrooms

ulf furniture

**Ultralux Furniture Ltd.,**
27, Industrial Estate, Luqa LQA05 - Malta
Tel\Fax: 21 250 398 • Email: ulf@maltanet.net

**Unique Design** | **Fine Quality**

***All our furniture is manufactured locally.***

# When was the last time you had some fun saving money?



Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

**Spend € 100 - Lm 42.93 + get 4 (1.5Ltr) of local soft drinks plus 1 free case of local mineral water and points**



The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**

# MHUX *LEADERSHIP TRAINING* BISS IMMA *TEAMBUILDING* UKOLL!

Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri

Fl-aħħar artikli tiegħi sħaqt ħafna fuq l-importanza ta' training f'*leadership skills* lill-membri tal-Korp. Biss, illum nixtieq nikteb fuq tip ieħor ta' *skills* li jiena nemmen li l-membri tal-Korp għandhom jiġu mħarrġa fihom: bażikament skills fit-*teambuilding*, f'kelma oħra *skills* li jgħinu lill-membri biex jaħdmu flimkien f'aktar sinerġija.

Bla dubju, il-Korp huwa magħmul minn ħafna individwi, u kif jgħid il-Malti, mitt bniedem, mitt fehma. Biss, waqt il-ħin tax-xogħol dawn l-individwi jridu jiġu flimkien biex jaħdmu u jagħtu l-aħjar prodott possibbli. Għalhekk huwa importanti:

- li tinħoloq atmosfera fejn ma jkunx hemm *boundaries* li jfixklu;
- fejn l-individwi jkunu jafu x'in hu mistenni minnhom;
- fejn kulħadd isib sapport speċjalment meta jkun meħtieġ li jittieħdu deċizjonijiet importanti;
- fejn kull sehem ta' kull membru jiġi rrispettat u apprezzat;
- fejn tiġi rrispettata d-differenza fl-opinjoni;
- fejn jiġu magħrufa u mwettqa il-bżonnijiet individwali;
- fejn kull membru tal-Korp jittratta lil sħabu / sħabha bl-aħjar mod possibbli li joħloq u jinkuraġġixxi stima f'kull livell;
- fejn l-interess personali, għalkemm importanti, ma jiġix qabel l-interess tal-Korp in ġenerali;
- fejn *performance* fqira u mġieba li ma tkunx daqstant xierqa jiġu mibdula;
- fejn is-sehem tal-persuna ma jiġix ġġudikat biss mis-*seniority* jew mir-*rank*;
- fejn il-membri jiġu valutati bħala individwi, bil-kwalitajiet u l-kapaċitajiet li kull membru jista' jkollu / tista' jkollha;
- fejn il-membri jitħallew jitgħallmu mill-iżbalji ;
- fejn jiġi nkoraġġit *creative thinking* fuq metodi ġodda jew differenti ta' kif jista' jsir ix-xogħol;
- fejn isir *assessment* kontinwu fuq kif isiru l-affarijiet u jkun hemm lok ta' bidla fejn neċessarju;
- fejn jiġu nvestiti ħin u riżorsi biex jiġi żviluppat talent u potenzjal tal-membri;
- fejn il-membri jkunu esposti għall-bidla;
- fejn il-Korp in ġenerali ma jirreaġixxix biss għas-sintomi, iżda jistħarreġ bir-reqqa il-kawża ta' dak kollu li ma jmurx sewwa.

Nifhem li din hija lista verament twila, iżda huwa evidenti li kull aspett imur mal-ieħor. Kull punt ser jgħin biex isir xogħol aħjar u aktar effettiv u fl-istess ħin il-membri tal-Korp jkunu aktar kuntenti. L-element uman huwa l-aktar riżors importanti fil-Korp. Tneħħi n-nies u x'jifdal? Xejn! Dale Carnegie kien jgħid *"My organisation consists of work and people and in order of priority it is people, people and people"*. Kif in-nies jiġu mmexxija, ggwidati u ttrattati, ser jirrifletti b'mod dirett fuq il-*performance* tal-membri u finalment fuq is-suċċess tal-Korp.

Il-format tal-Korp huwa bbażt ħafna fuq l-awtorita' u l-ġerarkija u dan għax huwa Korp iddixxiplinat u semi-militari. Biss illum il-Korpi tal-Pulizija Ewropej mexjin lejn sistema li hija anqas transazzjonali u aktar kollaborattiva, ispirata u mmexxija l-aktar mill-valuri personali u mill-valuri tal-organizzazzjoni.

Għal din ir-raġuni jrid jinstab bilanċ bejn l-esiġenzi tal-persuna u dawk tal-Korp. Għalhekk importanti li n-nies iħossuhom li qegħdin jaħdmu f'tim, f'kollaborazzjoni, f'sinerġija flimkien fejn l-isforzi ta' kull individwu jingħaqdu għall-ġid ta' kull individwu u fuq kollox għal ġid tal-Korp in ġenerali. In-nies ġewwa organizzazzjoni jistgħu jaħdmu b'mod *dipendenti*, jiġifieri kulħadd jiddependi fuq ħaddieħor, hemm min hu *indipendenti*, jiġifieri jaħdem għar-rasu, imbagħad hemm min hu *interdipendenti*, u dawn huma n-nies li kapaċi jaħdmu ma' ħaddieħor. U għalhekk l-enfasi tiegħi fuq il-bżonn ta' *teambuilding skills*.



"Minħabba l-qagħda ta' Ħal-Qormi, din il-belt kienet waħda mill-aktar li sofriet fi żmien il-gwerra u għaldaqstant dan ix-xelter kien refuġju ta' mijiet u eluf ta' Qriema u nies oħra minn għadd t' irħula tal-madwar."

# L-Għassa ta' Ħal-Qormi u l-wirt patrimonjali ta' Malta

Supt L Cutajar u PS 1133 J Borg

Meta madwar sitt snin ilu kienet qegħda tiġi restawrata l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi, f'waħda mill-btieħi tagħha kienet inkixfet bokka ta' kantina li kienet tinsab fil-bitħa ta' l-Għassa. Minħabba n-natura tax-xogħol li kien qiegħed isir, din reġgħet ingħalqet u maż-żmien tista' tgħid li kienet intesiet. Meta din il-bokka infetħet kienet turi li kienet ta ċertu ġmiel arkitettoniku b'taraġ li kien iservi probabbilment bħala ħarba sigrieta fi żmien il-Kavallieri.

Wara dan iż-żmien kollu, fuq insistenza personali u diretta tas-Surġent 1133 Joseph Borg, li huwa stazzjonat fl-Għassa ta' Ħal-Qormi, reġgħa beda jitwitti x-xogħol biex din il-bokka terġa' tinfetaħ. Wara l-permess ġentili mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, tqabbad il-Perit Vincent Buhagiar, li huwa espert fil-patrimonju Malti, biex imexxi dan ix-xogħol. Fis-sajf tas-sena 2008 infetħet bokka minn barra l-Għassa fl-isqaq tal-ġenb u beda jsir ix-xogħol ta' tindif ta' din il-kantina. Din il-kantina kienet fl-oriġini tagħha tintuża' bħala parti minn imħażen tal-Armerija. Madwar 70 sena, id-dħul tagħha serva bħala dħul għax-xelter biex in-nies ta' l-inħawi jilqgħu mill-qilla kbira tal-bombi tal-gwerra mitfugħa fuq Malta fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Minħabba l-qagħda ta' Ħal-Qormi, din il-belt kienet waħda mill-aktar li sofriet fi żmien il-Gwerra u għaldaqstant dan ix-xelter kien refuġju ta' mijiet u eluf ta' Qriema u nies oħra minn għadd ta' irħula tal-madwar.

It-tindif ta' dan ix-xelter sar fuq bażi volontarja minn Pulizija stazzjonati fl-Għassa ta' Ħal-Qormi fil-ħin liberu tagħhom. F'dan ix-xogħol, fost l-oħrajn ħadu sehem l-Ispettur Malcolm Bondin, is-Surġent 1133 Joe Borg u l-Kuntistabblijiet 237 John Camilleri, 1035 Norbert Micallef u 1240 Joseph Camilleri. Għal dan ix-xogħol kien hemm l-għajnuna personali u kontinwa tas-Sindku ta' Ħal Qormi, is-Sur Jesmond Aquilina u ż-żgħażagħ ta' l-Għaqda Żgħażagħ Bastjanizi.

Dan ix-xelter huwa mħaffer żewġ sulari u nofs taħt l-art u għandu tul ta' madwar 66 metru. L-għoli u l-wisa' tiegħu huma ta madwar żewġ metri. Ħaġa ferm partikulari li


Our professional name and reputation are derived from clear and reliable solutions of pest problems in your home or business.
Call CAPITAL today!
2141 0590 / 2141 9867
cpc@maltanet.net
CPC
CAPITAL PEST CONTROL
Members
British Pest Control Association
PREVENTION IS BETTER THAN CURE


TANTI OPTICIANS
SPECIAL PROMOTIONS
Open your eyes to...
LINE FREE VARIFOCAL LENSES
Corrects for distance, intermediate and close vision all in one.
Special Promotional Price From
€67.55
Lm29
Inclusive of frame and varifocal Lenses.
*Terms & Conditions Apply
CLEARLY YOUR BEST BUY IN SIGHT
Offer exclusively available from:
Valletta – St. John's Square. Tel: 2124 5931, 2122 2994
Sliema – 8, Tigne Street, Tel: 2133 5232
B'Kara – 3 Mannarino Road, Tel: 2149 8029
Paola – 34, Paola Square. Tel: 2182 1583
Eye Specialist in Attendance Tel: 2124 5931 or 2122 2994 for an appointment.
Tanti
Opticians


Bell Net Ltd.
Fun.... Knowledge.... Friends....
JOIN US NOW & GET
FREE
50GB DOWNLOADS
Residential ADSL Connections
Bridge Connections
WEB Hosting
Business ADSL Connections
24 x 7 Support
WEB Development
www.bell.net.mt
10, TRIQ IC-CAWSLI, QORMI
2147 2592/3
support@bell.net.mt

# SHIELD SECURITY CONSULTANTS LTD

## YOUR SECURITY PARTNERS WHEN AND WHERE IT MATTERS MOST

We at Shield specialise in protecting organisations through risk management. Through the processes of active, risk-based consultancy and specialist training, we support our clients in approaching and resolving a variety of risk issues. Organisational Security, Occupational Health and Safety, Business Security Management, Maritime and Supply Chain Security; these are just some areas in which we frequently become involved in assisting and supporting businesses.

A brief selection of our practical, competence-based training courses includes:

### Security Risk Management

1. How to control access to a building.
2. How to conduct a bomb search inside a building.
3. How to conduct a body search.
4. How to conduct a vehicle search.
5. How to write a security incident report and other documents
6. How to manage the risk of an armed robbery.
7. How to manage the risk of a bomb threat.
8. How to manage security in the retail environment.

### Occupational Health and Safety [OH&S]

1. How to document an OH&S Policy.
2. How to manage safety in confined spaces.
3. How to manage safety at height.
4. How to manage safety during construction.
5. How to document emergency response plans.
6. How to manage a safety incident.
7. How to conduct a safety risk assessment.
8. How to conduct a safety investigation.

So if you are serious about safety, security and business continuity in your organisation, or if you take your personal professional development seriously, contact us for further information or visit our website at www.shield.com.mt.

**We offer special discounts for university undergraduates and members of the Police, Armed Forces of Malta and Civil Protection Department.**

---

SHIELD SECURITY CONSULTANTS LTD

NETWORK BUILDING, SUITE 2
INDUSTRIAL ZONE,
MRIEHEL BKR 3000

---

**Tel: +356 21 446 980 Fax: +356 21 497045 E-mail: training@shield.com.mt**





fih dan ix-xelter, li ftit issib bħala f'xelters oħra, huwa l-*blast wall* u nfermerija ċkejkna li huma verament uniċi.

Ix-xogħol ta' tindif tlesta fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru. Nhar is-Sibt 11 t'Ottubru 2008 kienet ġurnata li f'Ħal-Qormi, eżatament fil-parroċċa ta' San Bastjan, ġiet organizzata lejla folkloristika 'Lejl f'Casal Fornaro'. Din kienet it-tieni darba li ġiet organizzata din l-attivita', li isimha ġie ispirat minn kif kienet magħrufa il-Belt ta' Ħal-Qormi fil-bidu tagħha minħabba l-ammont ta' fran li kien hawn u li għadek issib sal-lum il-ġurnata. Bla dubju ta' xejn, din id-darba l-attrazzjoni prinċipali ta' din il-lejla kien ix-xelter li issa kien ġie armat u mogħti l-ħajja b'xenarju u rappreżentazzjonijiet varji tal-Maltin fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan l-armar tax-xelter reġa' sar fuq il-ħidma u l-inizzjativa personali tal-membri tal-Korp imsemmija hawn fuq u dawn anke ġabu ħafna mill-armar li ntuża' biex jitpaxxa kull min mar iżur dan il-ġawhra fl-istorja patrimonjali ta' Malta.

Għal dan l-avveniment, barra l-armar tax-xelter, ġiet ukoll armata l-Għassa ta' Ħal-Qormi li wkoll hija patrimonju kulturali fl-istorja arkitetonika ta' Malta. Bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Għassa ġiet miftuħa għall-pubbliku u barra minn hekk, saret ukoll wirja ta' pitturi magħmula minn artisti Qriema. Għal din l-okkazzjoni ġiet maħluqa atmosfera ta' dawl fl-Għassa u tista' tgħid li kull min ġie baqa' impressjonat bil-professjonaliżmu u l-mod li ġiet armata l-Għassa għal din l-okkazjoni. Barra minn hekk dawk li daru l-Għassa ġie spjegat lilhom ukoll ix-xogħol li jsir mill-Pulizija ta' din il-belt li l-popolazzjoni tagħha tlaħħaq bħala it-tielet l-akbar f'Malta.

Dawk kollha li żaru x-xelter ukoll baqgħu impressjonati bil-mod kif kien armat għall-okkazzjoni. Barra l-għodod u affarijiet oħra ta' żmien il-Ġwerra, ġew armati ukoll manikini li kienu jirrappreżentaw karatri b'uniformijiet ta' l-epoka. Barra minn hekk PC 923 Pier Guido Saliba, libes uniformi ta' Pulizija ta' żmien dik l-epoka u ħa l-inkarigu li jdoqq is-serena ta' żmien il-gwerra li kompliet saħret lil kulħadd bl-atmosfera li ġiet maħluqa. Bqajna litteralment impressjonati b'dawk l-anzjani li żaru dan ix-xelter li anke bkew meta ġeddew il-memorji ta' dawk iż-żminijiet koroh fl-istorja ta' pajjiżna.

Wara dan saru għad ta' talbiet sabiex dan ix-xelter jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku u jerġa' jintrema' bl-istess mod biex jitgawda minn dawk kollha li jkollhom ix-xorti li jżuruh. Ta' min jgħid li żaru l-post ukoll għad ta' ġurnalisti kemm Maltin kif ukoll barranin li taw importanza kbira għal dan l-avveniment li mhux daqshekk komuni f'artijiet oħra. Ġurnalist Svizzeru tah ukoll importanza kbira u ġibet għad ta' ritratti li wieħed jista' jarhom fuq is-site hyperlink *http://www.kensphotoadventures.blogspot.com* u dan flimkien ma' artiklu ferm interessanti fuq is-sit tiegħu.

F'ħarġiet oħra tal-magazine tagħna l-'Pulizija', bi ħsiebna li nkomplu niktbu aktar fid-dettal fuq dan ix-xelter u l-istorja ta' l-Għassa, li huwa post verament storiku. Fost affarijiet oħra f'din l-Għassa nsibu wkoll il-kurċifiss antik u d-digriet oriġinali tal-indulġenzi li kien ta' l-Papa San Piju X.



“ Fatt interessanti huwa li biex saru dawn ir-repliki ntużaw aktar minn 200 kilo melħ! ”

# Il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira

It-tema prinċipali tal-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kienet, 'Ngħixu ma' Kristu miċ-Ċenaklu għall-Passjoni u l-Qawmien'. Din hija id-19-il sena li qed tittella' din il-wirja, liema wirja hija mtella' minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Wirja kienet tinkludi l-Aħħar Ċena fuq stil Lhudi, xeni mill-passjoni ta' Ġesu` Kristu b'korazzi u simboli oħra magħmulin minn materjal reċiklat, statwi, inkluż statwa ġdida *life size* ta' Pilatu, kif ukoll repliki ta' pitturi ta' Caravaggio, Giovanni Battista Carocciolo, Paola Veronese, u repliki ta' statwi magħrufin li nsibu f'Malta. Dawn ir-repliki huma magħmula minn melħ ikkulurit. Fatt interessanti huwa li biex saru dawn ir-repliki ntużaw aktar minn 200 kilo melħ! Min-naħa l-oħra, sabiex kienu saru l-korazzi intużaw numru kbir ta' oġġetti reċiklati fosthom fliexken ta' l-ilma, tappijiet, truf ta' pniezel, tankijiet ta' l-ispray, gazzetti, buttuni, biċċiet tat-tapiti, tazzi u platti tal-plastik, foil, kartun, ħbula, sandpaper kif ukoll xugaman u għatu ta' dustbin! L-istatwa ta' Pilatu saret mill-*fibre glass*. Il-korazza saret apparti mill-istatwa, jiġifieri tista' tiżżarma.

Il-Wirja kull sena tittella` taħt is-supervizjoni tas-Supretendent Raymond Vella Gregory. PS538 Mario Ebejer u PC685 Daniel Scerri għamlu x-xogħol tal-melħ filwaqt li PC911 Mario Muscat jieħu ħsieb ix-xogħol ta' l-istatwi u l-korazzi. Is-Sur John Camoin ukoll ta sehmu fix-xogħol tal-melħ. Il-Wirja infetħet mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott. Carmelo Mifsud Bonniċi u l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo.










Surveillance technology
for the World
For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.
The ability to deliver live and recorded video straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in a system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to others areas of the organization.
Casino and Online Gaming
We provide a suite of products for this fast growing and emerging market. With abilities to stream Hi Definition video at real time frame rates.
Banking
Preventing ATM fraud plus wider banking/financial applications.
Law Enforcement
Supporting law enforcement and all emergency services.
Transportation
Security Vans, Buses, Freight Carriers and HGV fleets
Small, Medium to Enterprise Solutions
Secure your home, office or your Multinational Business from one hub with a system which is infinitely scaleable and integrate able.
www.dedicatedmicros.com
PSi Product of the Year Awards 2003 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS WINNER 2·0·0·2
BLB 017 Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 3000
Fax 21 449 170 · E-mail: sales@dmicros.com.mt · For more information call
DEDICATED MICROS
Tel: 2381 9238 – 2148 3673





# Inċident fatali jieħu l-ħajja ta' kollega tagħna stazzjonat fit-8 Distrett

Nhar is-6 ta' Mejju 2009, waslitilna l-aħbar ferm kerha li kollega tagħna kien involut f'inċident tat-traffiku serju. Aħbar li xxukkjat lil kull min liebes uniformi ta' Pulizija.

Aktar informazzjoni li bdiet dieħla żvelat li l-inċident kien fatali u li fih kien involut PC 381 Dennis Sammut, stazzjonat fit-8 Distrett, fl-Għassa tan-Naxxar. Bħal kull aħbar, l-aħbar tal-inċident bdiet tidwi f'kull Għassa, Uffiċċju, Sezzjoni u Taqsima tal-Korp, kulħadd bl-istess espressjoni fuq wiċċu. Fuq il-post tal-inċident marru immedjatament bosta Pulizija minn diversi Sezzjonijiet u diversi Uffiċjali, fosthom il-Kummissarju u d-Deputat Kummissarju u kollegi oħra ta' Dennis li kienu jaħdmu aktar fil-qrib tiegħu.

Dennis Sammut, daħal fil-Korp tal-Pulizija nhar il-5 ta' Ġunju 1978 fl-eta` ta' 22 sena. Għal dawn l-aħħar 31 sena serva f'diversi sezzjonijiet, fosthom fl-Għasses ta' Tas-Sliema, San Ġiljan, l-Imsida, in-Naxxar kif ukoll is-*CID*. Huwa kien miżżewweġ lil Doris u kellu żewġt itfal, Diana u Darren.

Jumejn wara l-inċident sar il-funeral fil-Bażilika ta' Santa Liena, f'Birkirkara fejn twieled u anke kien joqgħod. Minn fuq iż-zuntier, wieħed seta' jara











xena li kienet ta' qsim il-qalb. Folla kbira ta' nies, qraba, ħbieb u kollegi ta' Dennis. Qalb din il-folla, sitt Pulizija jġorru tebut miksi bil-bandiera tal-Korp tal-Pulizija u fuqu l-beritta tas-servizz. Madwaru nies imbikkmin u mingħajr espressjoni fuq wiċċhom ħlief waħda ta' dieqa. Fuq quddiem, kien hemm il-familjari u l-ħbieb l-aktar viċin ta' Dennis, li kienu l-aktar li ħassew, u għadhom iħossu n-nuqqas tiegħu. Waqt il-korteo, marċi funebri indaqqu mill-Banda tal-Korp, filwaqt li membri tal-Gwardja tal-Unur u tal-Precision Drill, Team kienu preżenti sabiex tingħata l-aħħar tislima lill-membru tal-Korp tal-Pulizija.

Il-quddiesa ġiet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raymond Bonnici OFM. Il-folla ta' nies li kien hemm waqt il-korteo daħlu kollha ġol-Bażilika ħalli jagħtu l-aħħar tislima tagħhom kif ukoll biex jisimgħu kelma ta' kuraġġ f'mument ta' niket. L-omelija messet qalb kulħadd, tat il-kuraġġ lill- familjari, ħbieb u kollegi ta' Dennis.

Wara l-quddiesa, il-korteo funebri kompla għaċ-Ċimiterju ta' Maria Addolorata, f'Raħal il-Ġdid, fejn hemmhekk ingħatat l-aħħar tislima lil PC 381 Dennis Sammut.

*Dennis ... itlob għalina minn hemm fuq... narawk fil-futur... kollega ....*

Għan-nom tal-Bord Editorjali, nixtiequ nagħtu l-kondoljanzi lil qraba u ħbieb ta' PC 381 Dennis Sammut.


L-PRIM MINISTRU
MALTA

12 ta' Mejju 2009

Għażiż Sur Kummissarju

Din hi nota qasira biex nesprimi s-sogħba tiegħi lejn il-Korp tal-Pulizija għat-telfa bierda tal-Kuntistabbli Dennis Sammut (PC 381) li ħalliena fil-jiem li għaddew. Għalkemm l-impenji tiegħi ma ppermettewliex li nattendi l-funeral, nassigurak li l-ħsieb tiegħi kien magħkom ilkoll.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lilek u lill-Korp tal-Pulizija għall-ħidma siewja u fejjieda li tagħtu lil pajjiżna.

Lawrence Gonzi

Is-Sur John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija





Learn to love yourself.

WWW.MYOKA.COM

OFFERTI SPEĊJALI GĦAS-SAJF MINNGĦAND MYOKA*











**Pamper Me Time**
(Valida għal persuna 1)
*Back, Neck & Shoulder Massage, Hand Treatment and Foot Treatment**
Hin 45 mins - €35
(Lm15.02)

**De-Stress Ritual**
(Valida għal persuna 1)
*Aromatherapy Full Body Massage, Aromatherapy Facial and Signature Manicure**
Hin 150 mins - €65
(Lm27.90)

**Revitalize Your Senses**
(Valida għal persuna 1)
*Honey Body Scrub, Well Being Full Body Massage and Hydro Bath**
Hin 120 mins - €100
(Lm42.93)

**Double Decadence**
(Valida għal 2 persuni)
*Aromatherapy Full Body Massage, Cleansing Facial, Hand Treatment and Foot Treatment**
Hin 180 mins - €130
(Lm55.80)

## Gawdi ġurnata ta' rilassament!

Tixtieq tmur vaganza mal familja jew maħbuba tiegħek iżda iċ-ċirkostanzi ma jippermettux? Myoka spas għandhom is-soluzzjoni għalik, permezz tal packages b'skont speċjali qisek mort fuq vaganza mill-aqwa!

** Complimentary use of indoor pool, sauna, steam rooms & facilities. Valid till end of September 2009.*

**Lotus Spa**
Le Méridien
St. Julians
2137 0163

**Sands Spa**
Radisson Blu
Golden Sands
2356 1191

**Dolmen Spa**
Dolmen Resort
Qawra
2157 7500

**5 Senses Spa**
Hilton Malta
St. Julians
2137 0194

myoka SPAS

# Il-Presidenti u l-Aġenti Presidenti ta' Malta

PC 931 Carmel Zarb - Mobile Squad

Malta saret Repubblika fit-13 ta' Diċembru 1974. Li wassal għal dan il-fatt storiku kien minħabba li l-maġġoranza tad-Deputati tal-Parlament Malti qablu li għanda tispiċċa l-Monarkija f'pajjiżna. U b'hekk mat-twelied ta' Malta Repubblika twieled ukoll l-irwol ġdid fis-soċjeta' Maltija - il-President ta' Malta.

**Anthomy Mamo**: Malta rat l-ewwel President tagħha lil Sir Anthony Mamo. Dan il-President twieled f'Birkirkara fid-9 ta' Jannar 1909. Il-President Mamo ggradwa bħala avukat, imma l-karriera tiegħu għamilha fis-settur privat. Fis-sena 1957 sar Avukat Ġenerali fejn serva bħala konsulent legali ewlieni taħt erba' Prim Ministri differenti. Fl-1597 Mamo kien maħtur Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell, u fl-1964 nħatar bħala l-ewwel President tal-Qorti Kostituzzjonali ġdida. Fl-1967 sar l-ewwel President tal-Qorti ta' l-Appelli waqt li fl-1971 laħaq l-ewwel Malti bħala Gvernatur ta' Malta. Fit-13 ta' Diċembru 1974, mat-twelied ta' Malta Repubblika, Sir Anthony inħatar bħala l-ewwel President ta' Malta fejn miet fl-1 ta' Mejju 2009.



**Anton Buttiġieġ**: It-tieni President ta' Malta kien il-politiku Anton Buttiġieġ. Dan il-President twieled il-Qala, Għawdex, fid-19 ta' Frar 1912. Fis-sena 1941 Anton Buttiġieġ iggradwa bħala avukat u serva bhala Aġent Maġistrat, imma qabel din il-kariga, il-President Buttiġieġ kien jifforma ukoll parti mill-Korp tal-Pulizija fejn kellu l-grad ta' Spettur. Fis-sena 1955, Anton Buttiġieġ ġie elett Deputat Laburista u kien jiġi elett f'kull elezzjoni ġenerali, fejn baqa' jservi ta' Deputat sas-sena 1976. Huwa okkupa l-kariga ta' President tal-Partit Laburista, Deputat Mexxej tal-Partit, Ministru tal-Ġustizzja u Deputat Prim Ministru. Anton Buttiġieġ miet fil-5 ta' Mejju 1983 fl-eta' ta' 71 sena. Il-President Buttiġieġ jibqa' imsemmi l-aktar għall-poeziji sbieħ tiegħu li kiteb.

**Albert Hyzler**: Bejn il-1981 u l-1982 Albert Hyzler serva bħala l-ewwel Aġent President ta' Malta sakemm inħatret Agatha Barbara fl-1982.

**Agatha Barbara**: Agatha Barbara twieldet f'Ħaz-Zabbar fil-11 ta' Marzu 1923. Bejn l-1940 u l-1947 is-Sinjorina Barbara kienet għalliema u meta daħlet fil-politika kienet l-ewwel mara li ġiet eletta fil-Parlament Malti. Fil-Gvernijiet Laburisti li kienet eletta, bejn 1955 u l-1958 Agatha Barbara okkupat il-kariga ta' Ministru tal-Edukazzjoni, u bejn l-1971 u l-1974 serviet bħala Ministru tax-Xogħol, Kultura u Affarijiet Soċjali u kienet okkupat ukoll il-kariga ta' Deputat Prim Ministru. Agatha Barbara ġiet eletta President ta' Malta fis-16 ta' Frar 1982 u mietet fl-4 ta' Frar 2002 fl-eta' ta' 78 sena.

**Pawlu Xuereb**: Wara l-Presidenza ta' Agatha Barbara, Malta, għat-tieni darba, reġgħet għaddiet minn perjodu li fiha kellha Aġent President. Dan kien Pawlu Xuereb li serva bħala Aġent President għal sentejn li kienu bejn il-1987 u April 1989.

**Ċensu Tabone**: Fl-4 ta' April 1989 Malta rat lir-raba' President tagħha. Dan kien it-tabib u politiku Ċensu Tabone li twieled fit-30 ta' Marzu 1913 ġewwa Victoria, Għawdex. Ċensu Tabone iggradwa bħala tabib fis-sena 1937 u speċjalizza fil-kura ta' l-għajnejn. Fil-Partit Nazzjonalista, it-Tabib Tabone okkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit bejn l-1962 u 1972 u bejn is-snin 1972 u l-1977 okkupa l-kariga ta' Deputat Kap tal-Partit. Fis-sena 1966, Tabone kien elett fil-Parlament Malti u serva bħala Ministru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali. Wara l-elezzjoni ġenerali


TOTAL
What TOTAL Quartz brings
to competition driving,
your engine can enjoy every day.
Available from Petrol Stations
& Automobile Centres
QUARTZ 5000 15W40
QUARTZ 7000 10W40
QUARTZ 9000 5W40
QUARTZ INEO ECS
POWER PLAN LIMITED
Trade enquiries:-
TEL: (356) 21499750 FAX: (356) 21448702
E-mail: totalmlt@powerplanltd.com


STUART
PUMPS
SELF - PRIMING
AUTOMATIC - FLOW SWITCH OPERATED
SAER
ELETTROPOMPE
DEEP SUCTION
INDUSTRIAL
TALLAS
PUMPS
SUBMERSIBLES FOR WELLS AND DIRTY WATER
V. DEMAJO & BROS.
13, Valletta Road Paola, PLA 02. MALTA
Tel: +356 21 694 502 - +35621 824 628.
Fax: +356 21 672 997
Email: v_demajo@maltanet.net
Mini Max
WOODWORKING MACHINES
CIRCULAR SAW
THICKNESSER PLANER
COMBINED UNIVERSAL
omga
RADIAL SAW MACHINES
DUST COLLECTORS
KING OF UFO
KUFO
SANDING MACHINES
stb
MITRE SAW MACHINES

tal-1987 Tabone sar Ministru għall-affarijiet barranin fejn kellu jirriżenja biex kien ġie elett bħala r-raba President ta' Malta.

**Ugo Mifsud Bonnici:** Il-ħames President ta' Malta kien l-avukat, kittieb u politiku Ugo Mifsud Bonnici li twieled f'Bormla fit-8 ta' Novembru 1932. Fis-sena 1955 Mifsud Bonnici ggradwa bħala Avukat. Fl-1966 ikkontesta l-elezzjoni ġenerali mal-Partit Nazzjonalista fejn kien elett fl-elezzjonijiet ġenerali kollha li saru wara. Mis-sena 1977 sas-sena 1987 kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Kunsill Ġenerali tal-PN u f'Mejju tal-1987, Ugo Mifsud Bonnici sar Ministru tal-Edukazzjoni. Fl-1990 kien Ministru tal-Intern u fl-4 ta' April 1994, Ugo Mifsud Bonnici ġie elett bħala l-ħames President ta' Malta.

**Guido de Marco:** Il-Profesur De Marco twieled il-Belt Valletta fit-22 ta' Lulju 1931. Dan kien ġie elett għall-ewwel darba fl-elezzjoni ġenerali tal-1966 mal-Partit tal-PN fejn baqa' jiġi elett dejjem sal-1998. Il-Professur tal-liġi u l-politiku de Marco kien ukoll Segretarju Ġenerali tal-PN u fis-sena 1977 kien ġie maħtur bħala Viċi-Kap tal-Partit. Fl-1987 serva bħala Deputat Prim Ministru, Ministru għall-Ġustizzja u



l-Intern u fl-aħħar inħatar Ministru għall-Affarijiet Barranin. Fl-1990 il-Proffesur de Marco kien elett President tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u fl-4 ta' April 1999 kien maħtur bħala s-sitt President ta' Malta.

**Eddie Fenech Adami:** Eddie Fenech Adami twieled Birkirkara fis-7 ta' Frar 1934, fejn fis-sena 1959 iggradwa bħala Avukat. Fenech Adami ikkontesta l-elezzjoni ġenerali għal ewwel darba fis-sena 1969 mal-PN. Fl-1977 l-Avukat Fenech Adami inħatar Kap tal-Partit Nazzjonalista u serva bħala Prim Ministru għal 15-il sena sħaħ fejn irriżenja minn din il-kariga fit-23 ta' Marzu 2004 biex fl-4 ta' April 2004 ġie elett is-seba' President ta' Malta.

B'hekk s'issa il-President Fenech Adami kien l-ewwel Prim Ministru Malti li wara li temm il-karriera tiegħu ta' Prim Ministru kien elett President ta' Malta.

**George Abela:** George Abela twieled fit-22 ta' April 1948 f'Ħal Qormi. Studja fil-liceo u fl-Universita ta' Malta fejn sar Avukat, kif ukoll kiseb il-Baċellerat tal-Arti fl-Ingliz, il-Malti u l-Istorja. Kompla l-istudji tiegħu fil-Liġi Ewropea fejn fis-sena 1995 kiseb il-grad ta' Magister Juris. Għal 25 sena George Abela kien konsulent legali tal-GWU. Hu ta servizz ukoll lil diversi unions fosthom l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Kien ukoll involut għal żmien twil fil-qasam ta' l-isports. Abela daħal fix-xena tal-politika meta fl-1992 kien elett bħala Deputat Mexxej tal-Partit Laburista għall-Affarijiet tal-Partit. Fl-4 ta' April 2009, George Abela inħatar it-tmien President ta' Malta. Minn hawn nawgurawlu kull suċċess.

Ma dawn iridu jiżdiedu wkoll persuni oħra li servew ta' Aġent President. Fost dawn hemm Dr. Ġużè Cassar, Dr. Carmelo Caruana, Dr. Jimmy Farruġia u Dr. George Hyzler.

## Pulizija Ingliżi jagħtu l-aħħar tislima lil PC 381 Dennis Sammut waqt li kienu fuq żjara Malta fil-ħin li tħabbret il-mewt tiegħu

Pulizija Ingliżi jagħtu l-aħħar tislima lil PC Dennis Sammut waqt li kienu fuq żjara Malta fil-ħin li tħabret il-mewt tiegħu.

Membri mis-*Surrey Constabulary*, li ġew biex jiltaqgħu mall-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, inzertaw kienu d-Depot waqt li ngħatat l-aħbar tal-mewt tal-Kuntisabbli 381 Dennis Sammut.



Bħala sinjal ta' rispett lejn dan il-mument, huma osservaw minuta silenzu ħdejn ir-ritratt li ttella' ħdejn il-kappella.

Huma kienu Malta biex jipparteċipaw fiċ-Ċerimonja annwali ta' Memorja li ssir fuq il Munument tal-Gwerra ta' l-RAF fil-Floriana.


Kappella ta' Binġemma


Kappella tal-Madonna ta' Speranza

# Kappelli u leġġendi

Surġent 129 Marlene Falzon - Kuratriċi tal-Mużew tal-Pulizija

Erġajna wasalna f'rokna ta' storja u kultura, u f'din il-ħarġa se nagħtu ħarsa lejn xi kappelli li jinsabu f'Malta u f'Għawdex li ħafna minnhom huma marbutin ma' xi leġġenda jew ma' xi wegħda li jagħmlu parti mill-folklor Malti.

Xtaqt nibda bit-tifsira tal-kelma '**Kappella**' li tfisser knisja żgħira fejn illum il-ġurnata kappella ma' tistax tkun fiżikament indipendenti. Fi żminijiet medjovali, il-kappella kienet parroċċa tar-raħal bħalma ngħidu aħna "Il-kappella ta' Bir Miftuħ" li fis-seklu ħmistax kienet il-knisja parrokjali ta' diversi rħula żgħar fil-viċinanzi.

F'xi wħud mill-kappelli tagħna nsibu xi tipi ta' tpinġijiet mal-ħitan li jissejħu graffiti jew inkella nsibu wkoll ammont kbir ta' kwadri li jissejħu 'Ex-votos'. Ħafna minn dawn il-graffiti juru xi forom ta' xwieni jew galeri fil-waqt li fuq dawn il-kwadri naraw ukoll barra galeri, xi xena ta' xi individwu li jkun ġarrab xi esperjenza kerha. Isiru wkoll wegħdiet ma' xi qaddis jew mal-Madonna, bħal ma naraw bosta ġewwa s-Santwarju ta' Pinu. Min ma kellux flus biex iħallas għal kwadru, wieħed kien joffri dawn il-graffiti bħala ringrazzjament.

Hawn Malta bosta minn dawn il-kappelli jinsabu f'nofs ta' xi għalqa bħal dik ta' San Nikola tas-Siġġiewi u oħrajn li jinsabu mxerdin mal-pajjiż kollu. Kif diġa' għidt fil-bidu xi wħud minn dawn il-knejjes u kappelli nsibu xi leġġendi marbuta magħhom.

Fost dawn forsi l-aktar popolari huma l-leġġendi tal-Madonna ta' l-Isperanza, ta' San Pawl Eremita tal-Mosta, ta' San Dimitri u taż-Żejt fl-Għarb, stejjer ħelwin li missirijietna kienu jirrakuntaw lil uliedhom fil-passat.

Il-leġġendi mhux kollha jistgħu jkunu reali u ma tistax toqgħod fuqhom, biss jagħmlu parti mill-folklor tagħna, allura wieħed jagħmel sew jekk isemmi xi leġġenda f'dan l-artiklu.

## IL-LEĠĠENDA TAL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' ISPERANZA

Ġrajjiet din il-knisja jibdew mill-għar li jinsab taħt din il-kappella li tinsab f'wied li jagħmel parti minn Wied il-Għasel.

Skond il-leġġenda fl-1750 il-furbani li kienu komuni ħafna li jaħbtu għal Malta, kienu jisirqu kull ma jsibu fi triqthom.

Darba fost l-oħrajn kien hemm familja mill-Mosta li kienet qed taħdem fir-raba' u meta raw dawn il-furbani ġejjin għalihom bdew jiġru. Fosthom kien hemm tfajla ta' xi 20 sena u ma bdietx tlaħħaq mal-familja tagħha u sabet għar u daħlet ġo fih. Dan l-għar kien mgħotti sew bl-għanqbut u tursin kbir. It-tfajla bdiet titlob lill-Madonna biex teħlisha minn ħaġar dawn il-furbani, u meta dawn waslu viċin tagħha ma setgħu jaraw xejn, għax l-għar bit-tursin u l-għanqbut għodd baqa' sħiħ allura qabdu triq oħra.

Bħala ringrazzjament lill-Madonna, t-tfajla riedet tibni kappella biex turi l-apprezzament tagħha talli nħelset mill-furbani. Hija wkoll riedet li din il-










Exclusively distributed by Charles de Giorgio Ltd. Tel: 25 600 500

WÜRTH SOLAR

Supply & Installation
of CIS Photovoltaic Modules
& Solar Water Heating Systems

WÜRTH LTD
Würth House, Triq il-Masgar,
Qormi QRM 3217
Tel: 21 494604, 21 443035
Fax: 21 441081
E-mail: solar@wuerth-malta.com

THE REVOLUTIONARY

UPVC

DOORS - WINDOWS - BLINDS - SHUTTERS

Ever thought of using UPVC to embellish your house, apartment or commercial establishment?

Because of its very nature, UPVC provides a high level of resistance to corrosion, rot, chipping, fading, insect assault, discoloration, and the severe conditions inherent to salt-laden marine environments. Its rigidity and strength further increases the security of your premises.

UPVC products provide excellent insulation, noise reduction, security, and are maintenance free. They are also available in various colours and wooden textures. UPVC doors & windows provide you with an affordable investment for your future.



MB

Meli Bugeja Ltd.
Mill Street,
Mriehel By-Pass, Qormi,
Tel: 2144 4348, 2148 5801
Fax: 356 2010 6310
Email: info@melibugeja.com
www.melibugeja.com

DISCOVER A WORLD OF COLOURS & FINISHES



Coleiro General Supplies Ltd. offer a complete range of wall coatings for internal and external use. Thousands of colours are available from stock, and matching to your requirements can also be arranged. Various special effect finishes from the Rossetti range such as stucco veneziano, velvet and texture finishes are available together with water based paints and lacquers for use on metal, wood, plastic and other surfaces. The Rossetti range is also safe to use, odourless & conforms with health and safety regulations.



ROSSETTI
VERNICI E IDEE

Coleiro General Supplies Ltd.

Msida Valley Rd., B'Kara, Telephone: 2149 2082
B'Kara Hill, St. Julians, Telephone: 21 322865
36, Westin Levanzin Str., Fgura, Telephone: 2180 0240
website: www.coleiro.com, email: info@coleiro.com

ġrajja tagħha tibqa tissemma. Il-ħolma saret realta' għax il-kappella ta' l-Isperanza nbniet fuq l-għar, kif għadha tidher hemm sal-lum.

Minbarra dawn il-leġġendi, għandha xi fatturi oħra li huma interessanti marbutin ma' dawn il-knejjes żgħar. Illum għadna nosservaw mal-faċċata tal-bieb ta' xi kappella bl-iskrizzjonijiet "**Non Gode l'Immunita' Ecclesiastika**" li kienet tfisser li l-kriminali ma setgħax jieħu kenn ġo dik il-kappella partikolari.

Fi żmien il-Kavallieri xi wħud minn dawn il-knejjes taw kenn lill-kriminali biex ma jiġux arrestati mill-awtoritajiet. B'riżultati ta' dan kien inqala' ħafna nkwiet bejn il-knisja u l-Ordni ta' San Ġwann .

Fl-1828 il-Gvernatur ta' dak iż-żmien neħħa kull awtorita' għad-dritt ta' l-Immunita' mill-knejjes, għalhekk twaħħlu dawn l-iskrizzjonijiet fuq l-irħam.

Interessanti wkoll li wieħed ikun jaf li fi żmien il-medjuevu u anki fi żmien l-ordni, dawn il-kappelli kienu jservu ta'mezz fejn jindifnu n-nies, bħal ċimiterju żgħir ġor-raħal stess.

Insibu li ċertu kappelli kienu privati u membri tal-familja biss kienu jindifnu. Kappelli oħra servew ukoll bħala ċimiterju zgħir fejn indifnu l-vittmi tal-pesta kemm ġewwa l-knisja kif ukoll barra l-parti magħrufa bħala "**zuntier**" bħal eżempju l-kappella ta' San Bażilju u San Mikiel fl-Imqabba fejn indifnu dawn il-vittmi.

Diversi parroċċi għandhom ukoll salib tal-ġebel fuq kolonna, u dawn is-slaleb jinstabu l-aktar fl-imsieraħ ta' l-irħula, fosthom kappelli u kunventi. Hemm uħud minn dawn is-slaleb ġew mibnija biex ifakkru li xi darba f'dak il-post kien hemm xi knisja, kappella jew ċimiterju. Ġili wkoll dawn il-kappelli kienu jiġu miġburin flimkien b'turija ta' salib wieħed bħal m'hemm f'Ħal Qormi. Ta' min jgħid illi fi żminijiet tan-nofs l-għani kien juri li kellu l-flus billi kien jibni kappella, li maż-żmien tibda tissejjaħ bl-isem tiegħu.

Infatti l-kappella ta' Santa Marija fl-inħawi ta' l-Għarb inbniet minn wieħed jismu Pinu u għalhekk saret magħrufa bħala ta' Pinu.

F'din il-ħarġa rajna fuq fuq kif żviluppaw dawn il-kappelli fl-irħula li huma wkoll ix-xhieda tar-reliġjozita tal-poplu tagħna u l-patronaġġ tal-Madonna u l-Qaddisin, kif kien mistqarr minnies ta' l-irħula tagħna matul is-sekli.


PJAZZA REĠINA

RAISING THE STANDARD



An exciting new range of 2008 vintage I.G.T. wines has been created by Malta's award winning winemaker, Delicata. Pjazza Reġina is a collection of three sensational wines all made from creative, unique blends of Malta grown grapes at incredible prices.

The Pjazza Reġina Red is a soft mellow assemblage of the two noble grapes Syrah and Merlot carefully blended with a touch of Sangiovese which gives the wine a lovely light peppery flavour. This quality red wine is particularly good with red meats, rabbit, pasta dishes, pizza and mild cheeses.

The Pjazza Reġina White is very fruity, fairly aromatic and has a nice creamy mouth feel. This creaminess comes from the Viognier used in the blend, a relatively new grape variety to Malta, and the aromatic fruitiness comes from the Vermentino. The final ingredient in this delicious blend comes from the noble Chardonnay grape which adds a depth of character and weight to the wine. This refreshing dry white is the perfect accompaniment to white meats, creamy pasta dishes, poultry and most types of seafood.

The third wine in the range is the Pjazza Reġina Rose, which is made from a great blend of two of Malta's best rose winemaking grapes. Grenache noir, which is renowned for its rose wines world wide and our very own unique, indigenous red grape Gellewza. Once again each of these grapes adds its own touch of personality to the resulting wine, which when nicely chilled makes the perfect aperitif or accompaniment to summer salads, pasta, oriental dishes and seafood platters.

www.delicata.com







# PS 14 Clayton Fiteni Qaddief tal-Prima fil-Pulizija

Mis-Supretendent Lawrence Cutajar



F'din il-ħarġa ta' Ġunju, se nerġa' nibdel il-ġeneru tal-isports, wara li diġà ltqajna ma' membri tal-Korp tal-Pulizija li jipprattikaw l-iscuba diving u t-table football. Illum se nitkellmu fuq sport ieħor ferm differenti li huwa l-isport tal-qdif jew aħjar l-isport tar-Regatta Nazzjonali. Fuq dan l-isport, se nitkellmu mas-Surġent 14 Clayton Fiteni li llum sar wieħed mill-qaddiefa stabbiliti fir-Regatta.

**M. Għidilna xi ħaġa dwar il-karriera tiegħek fil-Pulizija?**

T. Jiena dħalt fil-Pulizija tmien snin ilu u ġejt stazzjonat l-Għassa tal-Belt. Sena u nofs ilu sirt Surġent u bqajt nagħmel id-doveri tiegħi fl-Għassa tal-Belt.

**M. Kif bdiet il-ħajra tiegħek lejn l-isport tar-Regatta?**

T. Jiena mill-Isla u tista' tgħid kull min huwa minn din il-belt, għandu xi rabta ma' dan l-isport li tista' tgħid huwa favorit ma' kważi n-nies kollha tal-Kottonera. In-nannu tiegħi, ċertu Alfred Fiteni, kien wieħed mill-qaddiefa storiċi mad-Distrett ta' l-Isla u rebaħ bosta unuri bil-flokk isfar u aħmar. Minn mindu kont żgħir, in-nannu kien joħodni miegħu kullimkien u kont dejjem insegwi t-tiġrijiet tar-Regatta mill-qrib. Kienet ħaġa naturali u normali li anke jiena noħroġ dilettant ta' dan l-isport.



**M. Meta qdift l-ewwel darba f'kompetizzjoni uffiċjali?**

T. Dan kien fis-sena 1999 meta kien għad kelli sbatax-il sena u kont qdift fil-kategorija ta' taħt it-23 sena. L-ewwel darba li qdift dħalt fit-tielet post. Is-sena ta' wara, u ċioe' fis-sena 2000, ħadt sehem fil-kategorja ta' taħt it-18–il sena u għall-ewwel darba dħalt fl-ewwel post. Fis-sena 2001 bdejt naqdef fil-kategorija ta' taħt it-23 sena u anke mall-kbar fil-kategorija *open*. Jiena sa sena u nofs ilu, dejjem qdift mad-Distrett ta' l-Isla u għamilt 8 snin naqdef ma' dan id-Distrett. Sena u nofs ilu, ngħaqqadt mad-Distrett ta' B'Buġia. Dan huwa Distrett ġdid b'ambizzjonijiet kbar.



**M. Mis-sena 2001 'l hawn irbaħt xi unuri partikulari?**

T. Ma' l-Isla jiena rbaħt ix-Shield tat-8 ta' Settembru. Irbaħt ukoll ix-Shield fil-kategorija ta' taħt it-23 sena ma' l-Isla darbtejn u l-kategorija B ma' B'Buġia. Komplessivament b'kollox irbaħt 13-il tiġrija f'kategoriji differenti.

**M. Peress li mhux kulħadd daqshekk intiż f'dan l-isport, x'jirrikjedi l-aktar l-isport tar-Regatta?**

T. Biex tkun serju trid tittrenja matul is-sena kollha. Jiena nittrenja mad-

**Smina**
POULTRY PRODUCTS
QUALITY GUARANTEED

*"Għal tiġieġa friska u bnina saqsi dejjem għal ta' Smina"*

**OFFER 1** — **€23.30**
- 5Kg Whole Legs
- 1Kg Breast
- 2Kg Wings
- 1Kg Liver
- 1 Whole Chicken (1.5Kg)
- Free Necks

**OFFER 3** — **€23.30**
- 4Kg Breast
- 2Kg Thighs
- Free Liver

**OFFER 2** — **€23.30**
- 10Kg Whole Legs
- Free Soup Pack

**OFFER 4** — **€27.00**
- 5Kg Whole Legs
- 3Kg Breast
- Free Whole Chicken (1.2Kg)

FREE HOME **DELIVERIES**

For any orders worth over €23.30
Call us on 2146 6180 / 2146 5922
All our products may be found at our shop in Paola

Fill in this form and hand it over to our driver on your next delivery and you will be immediately entitled to a **FREE GIFT.**

Name & Surname ....................

Address ....................

Telephone/Mobile ....................

# JAMON TRADING

POWER ASSISTED PEDAL CYCLES

***Sales – Bicycles - Accessories- Parts - Repair - Motorised Bicycles***

**BEAT RISING FUEL AND LICENSE FEE WITH 140 MILES PER GALLON**




24, Triq il-Qadi, Zejtun • Tel: 7972 9069




**CHARLES DARMANIN & COMPANY LIMITED**

*Luret Cutajar Street, Zebbug ZBG 2734*
*Tel: 21 460375*
*e-mail: info@charlesdarmanin.com*
*Website: www.charlesdarmanin.com*


www.popeyemalta.com
Sun, fun & grill
at Popeye Village
Come and join us every Saturday afternoon at Popeye Village Fun Park and avail yourself of all our facilities. Splash around in our pools and the crystal clear blue sea, jump on the Water Trampoline Park or simply sunbathe on the sunbeds provided.
Around sunset, join us for a full BBQ Buffet Dinner on our terrace enjoying one of the best seaviews on the island.
This package starts Saturday 13th June 2009.
Anchor Bay, Mellieha
Tel: 2152 4782/3/4
Email: info@popeyemalta.com


holistic by almo nature
croquettes
ALMO NATURE
FROM THEIR POINT OF VIEW
LEARN TO SEE THEIR FOOD AS THEY DO.
Almo Nature wet foods are created "from their point of view" to provide your dog with the healthiest and tastiest choice.
CHOOSE HOLISTIC, HYPOALLERGENIC CROQUETTES
All dog dry food is nutritionally balanced and complete, but that's not enough: Almo Nature's Holistic Croquettes protect your dog from food allergies and intolerances, which are often caused by the use of poor quality ingredients in dry food
REMEMBER TO ALTERNATE DRY AND WET FOOD.
To ensure the right nutrition for your small dog, alternate their food to give them 50% wet and 50% dry food. As the main nutrients in each food differ naturally, this is the only way to ensure they have a truly balanced diet.
ONLY IN PET SPECIALISTS


CRYSTAL
Finance Investments
Representative for UBS Investment Funds in Malta
Euro Bond Portfolio invests in Investment Grade Bonds which mature in 2018.
*Coupon is indicative after annual charges and will be fixed on closure of subscription.
EURO BOND PORTFOLIO 2018
6%* p.a.
No Initial Charges
6, Freedom Square, Valletta TEL: 2122 6190
EMAIL: info@crystal.com.mt WEBSITE: www.crystal.com.mt
FREEPHONE 800 73339
CRYSTAL Finance Investments Limited (Crystal) is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority. Investments shall be subject to the terms and conditions made available by Crystal. The product is a discretionary portfolio management service and the split of investments is at the discretion of Crystal. The value of investments can go down as well as up. Past performance is no guarantee for future performance. Quoted return does not take taxes into account. Redemption of the capital and interest payment depends on there being no default by the bond issuer on the underlying investment. This advert is issued by Crystal Finance Investments Ltd.

war sitt darbiet fil-ġimgħa u dan it-taħriġ jikkonsisti l-aktar f'*indoor rowing*, weights u taħriġ fiżiku. Barra dan, l-ikel huwa ferm importanti. Biex nagħmel dan kollu, jiena niċċaħad minn ħafna affarijiet, fosthom divertiment u ħruġ ma' sħabi.



**M. Ix-xogħol tiegħek fil-Pulizija jaffetwak?**

T. Jiena għandi programm li nipprova nosservah kemm jista' jkun. Jiena nagħmel taħriġ meta nkun *off duty*, fil-*first watch* u anke qabel in-*night watch*. Nipprova nistrieħ mit-taħriġ meta nkun *second watch*. Jiena wkoll insegwi dieta stretta li normalment tikkonsisti f'*cereals*, għaġin, ħut, tiġieġ, laħam abjad u frott. Kif diġa għidt, l-ikel huwa ferm importanti u vitali għal min irid jippratikka dan l-isport bis-serjeta'.



**M. Semmi xi mumenti li l-aktar tawk sodisfazzjon u forsi xi ħaġa li ddizappuntatek fil-karriera sportiva tiegħek s'issa.**

T. Niftakar b'ċertu sodisfazzjon meta qdift l-ewwel darba fl-1999 fil-kategorija ta' taħt it-23 sena u dħalt fit-tielet post. Niftakar ukoll tajjeb meta fis-sena ta' wara ħadt sehem fil-kategorija ta' taħt it-18-il sena u dħalt l-ewwel darba fl-ewwel post. Is-sena 2002 ukoll kienet waħda ta' sodisfazzjon għalija meta għall-ewwel darba pparteċipajt fir-Regatta Nazzjonali tat-8 ta' Settembru mal-kbar u rbaħna x-Shield. Fis-sena 2003, dħalt għall-ewwel darba fl-ewwel post mal-kbar. Diżappunt għalija kien meta xi sena u nofs ilu, għal diversi raġunijiet, ma bqajtx inħossni tajjeb mad-Distrett ta' l-Isla u tlaqt minn dan id-Distrett ta' post twelidi.



**M. Issa qiegħed mad-Distrett ta' B'Buġia. X'futur taħseb li għandek ma' dan id-Distrett li huwa pratikament ġdid fjamant?**

T. Il-Klabb ta' B'Buġia huwa wieħed serju ħafna u jiena ninsab ċert li dan id-Distrett se jikber u se jikber ħafna. L-akbar problema tagħna huwa l-maħżen tad-dgħajjes u meta tissolva din il-problema nistgħu nħarsu 'l quddiem b'aktar fiduċja. Jiena ma' dan id-Distrett diġa ġejt ħames darbiet l-ewwel u s-sena l-oħra rbaħna x-Shield fil-kategorija B tat-8 ta' Settembru.



**M. Fl-aħħar nett x'parir tagħti lil min jixtieq jiprattika dan l-isport?**

T. Minn jiprattika dan l-isport irid ikun preparat biex jagħmel sagrifiċċji kbar għax dan huwa sport ta' tbatija. Wieħed irid ikun lest li jittrenja bis-serjeta' matul is-sena kollha u josserva ċertu regoli bħal kull min hu serju fl-isfera ta' l-isports tiegħu.



# Donazzjoni ta' flus

Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo jippreżenta donazzjoni ta' flus li ngħabret minn fost il-membri tal-Korp sabiex jgħinu lil PS820 Jonathan Vella, liema għajnuna marret minħabba s-saħħa taċ-ċkejna li kellha bżonn intervent mediku barra minn Malta. Din id-donazzjoni kienet ta €2,310


ATTRANS
ESTABLISHED 1976
ATTRANS
• Weekly groupage trailer departures ex all major destinations in Europe
• Refrigerated and Temperature Controlled Transport
• Mega Volume Trailers
• Full Container Service
• Project Cargo
• Car Transportation from the U.K.
Groupage & Full Load Trailer Service To & From Europe
Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Zebbug ZBG 9018
Tel: 2258 5500.Fax: 2146 5675
E-mail: info@attrans.com
Website: www.attrans.com


AS SAFE AS HOUSES?
G4S
INTRUDER ALARM SYSTEMS
REMOTE ALARM MONITORING
CCTV CAMERAS
FIRE ALARM SYSTEMS
Securing Your World
Security Services
24hr Control Centre
Response Service On Activation
Manned Security
Archiving Services
Cash & Valuable Transportation
Patrol Service
Contact us for a free quote Tel: 2549 4444
e-mail: enquiries@mt.g4s.com
www.g4s.com.mt


armatix
Lock your firearms in seconds flat with an ARMATIX mechatronic lock. This sophisticated device offers the highest level of protection against misuse without any damage to valuable firearms. It fits all current civil and service handgun and long arm designs. One ARMATIX digital controller is enough to lock several firearms. Releasing the lock requires authentication by means of a personal PIN code or biometric fingerprint-reading. Made in Germany.
Lock, Stock & Barrel
PHOENIX GROUP Level -1, Phoenix Building
Old Railway Road, Sta. Venera SVR 9022
(Gunshop and indoor 10m airgun shooting range)
Tel: +356 2385 2124 Fax: +356 2144 9216
e-mail: sales@lsb-malta.com
web: www.lsb-malta.com
Opening hours: Monday to Friday 16:00 to 19:00; Saturday 09:00 to 12:30

# Paġna Sportiva

PS 46 Charlot Casha - MPSC











Nibda billi f'isem il-Kumitat ta' l-Isports tal-Pulizija (MPSC) nuri l-apprezzament u nirringrazzja lil Malta Police Association (MPA) talli għoġobhom jagħtu lil MPSC donazzjoni ta' €300.

F'dawn l-ewwel xhur tas-sena, kien hemm diversi attivitajiet sportivi li l-Pulizija ipparteċipaw fihom. Wara l-attivitajiet li saru fi żmien il-Milied flimkien mal-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, liema attivitajiet issa daħlu fil-kalendarju ta' l-attivitajiet taż-żewġ forzi, kien hemm attivita' oħra fil-25 ta' Frar. Din l-attivita' ġiet organizzata mill-AFM, fejn għoġobhom jistiednu lill-Pulizija u lil xi dipartimenti oħrajn sabiex nieħdu sehem magħhom għal ġirja li kellha l-bidu tagħha mill-Barracks ta' Ħal Luqa u spiċċat quddiem il-Kwartieri tal-Pulizija, il-Floriana. Din il-ġirja kienet l-inawgurazzjoni tad-dħul ta' l-AFM fil-Conseil International du Sport Militare (CISM). Kienu għaxra l-membri tal-Pulizija, fosthom Pulizija mara li ħadu sehem f'din il-ġirja. Hekk kif spiċċat il-ġirja, l-Uffiċjal inkarigat mis-Sezzjoni ta' l-Isports ta' l-AFM irringrazzja lill-MPSC u lil dawk kollha li ħadu sehem tal-parteċipazzjoni tagħhom, filwaqt illi rringrazzja ukoll lis-Sezzjoni tal-Muturi tat-Traffiku li assistew u kkontrollaw it-traffiku tul ir-rotta kollha tal-ġirja.

## Maratona tal-Futbol b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares

Attività oħra li ġiet organizzata hija mini-turnament tal-futbol waqt il-maratona ta' Puttinu Cares.

Għall-ewwel darba ġiet organizzata attivita' bejn erbà Dipartimenti tas-Sigurta' ta' Malta li huma l-Pulizija, il-Forzi Armati, il-Protezzjoni Ċivili u l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Fil-bidu ta' April iltaqgħu membri tal-Kumitati ta' l-Isports ta' l-erbà dipartimenti fejn ġie miftiehem illi jiġu organnizzati xi logħob tal-futbol waqt il-Maratona ta' Puttinu Cares. Għalhekk ibbukkjajna tliet grownds għal erbà sigħat u nhar il-Ġimgħa 24 ta' April, 2009, iltqajna diversi timijiet mill-erbà dipartimenti msemmija. Il-Pulizija ipparteċipajna bi tliet timijiet ta' l-irġiel, kif ukoll bit-tim tan-nisa. Nixtieq insemmi ukoll illi kull parteċipant ta' sehmu ukoll f'ġabra ta' flus li saret dak il-ħin fejn fl-aħħar ingħatat bħala donazzjoni lil Puttinu Cares.

## Tournament tad-Darts tal-MESA

Nhar it-18 ta' Mejju, 2009, il-Malta Employees Sports Association organizzat Tournament individwali tad-Darts li ntlagħab fil-Juventutis Domus, Żejtun. Għal dan it-tournament ipparteċipaw erbgħa Pulizija li huma PC 1060


AVOID PENALTY POINTS
ON YOUR LICENCE
Bluetooth
nüvi
SAT-NAVS
SPEED
CAMERA
NOTIFICATION
BLUETOOTH
PHONE
CONNECTIVITY
GARMIN
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
